

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 372



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

20 ta' Diċembru 2011

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Kunsill

2011/C 372/01	Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea mġedda għat-tagħlim għall-adulti	1
2011/C 372/02	Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha qabel il-laqgħat tal-WADA	7

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2011/C 372/03	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni tal-Lvant tal-parteċipazzjoni u l-mobbiltà taż-żgħażaġh	10
2011/C 372/04	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tat-tfal fid-dinja diġitali	15

Prezz:
EUR 3

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2011/C 372/05	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kompetenzi kulturali u kreattivi u r-rwol tagħhom fil-bini tal-kapital intellettwali tal-Ewropa	19
2011/C 372/06	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-attivitajiet volontarji fl-isport għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva	24
2011/C 372/07	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kompetenzi lingwistiċi għat-tisħiħ tal-mobilità	27
2011/C 372/08	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar punt ta' riferiment għall-mobbiltà għat-tagħlim	31
2011/C 372/09	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja	36



I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUNSILL

Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea mġedda għat-tagħlim għall-adulti

(2011/C 372/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

BILLI:

L-istrateġija *Ewropa 2020* għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv tirrikonoxxi t-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp ta' ħiliet bħala elementi ewlenin b'rispons għall-kriżi ekonomika attwali, it-tixjib demografiku u l-istrateġija ekonomika u soċjali aktar wiesa' tal-Unjoni Ewropea.

Il-kriżi enfasizzat ir-rwol ewlieni li t-tagħlim għall-adulti ⁽¹⁾ jista' jaqdi fil-kisba tal-għanijiet ta' *Ewropa 2020*, billi jagħmilha possibbli għall-adulti - b'mod partikolari l-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u dawk kbar fl-età - itejbu l-abbiltà tagħhom biex jadattaw għal tibdil fis-suq tax-xogħol u s-soċjetà. It-tagħlim għall-adulti jipprovdi mezz ta' titjib jew aġġornament fil-ħiliet għal dawk affettwati mill-qgħad, ir-ristrutturar u t-transizzjonijiet fil-karriera, kif ukoll jagħti kontribut importanti għall-inklużjoni soċjali, iċ-ċittadinanza attiva u l-iżvilupp personali.

U WARA LI KKUNSIDRA:

1. Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2008 dwar it-tagħlim għall-adulti: *Qatt ma huwa tard wisq biex titgħallem*, li tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipromwovu l-kisba tal-għarfien u jżviluppaw kultura ta' tagħlim tul il-ħajja, notevolment billi jiġu implimentati linji ta' politika dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi mfasla biex jagħmlu l-edukazzjoni għall-adulti aktar attraenti, aktar aċċessibbli u aktar effettiva.
2. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2008 ⁽²⁾ dwar it-tagħlim għall-adulti, li għall-ewwel darba stabbilixxew sett ta' prijoritajiet komuni li għandhom jiġu indirizzati fis-settur tat-tagħlim għall-adulti, wittew it-triq għall-kooperazzjoni intensifikata Ewropea bejn id-diversi partijiet interessati, u pproponew serje ta' miżuri speċifiċi għall-perijodu 2008-

2010 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Pjan ta' Azzjoni”) immirati biex tiżdied il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti u titjeb il-kwalità tiegħu.

3. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2008 dwar kif l-igġwidar tul il-ħajja jista' jiġi integrat aħjar fl-istrateġiji ta' tagħlim tul il-ħajja, li enfasizzat l-importanza tal-għoti ta' gwida bħala proċess kontinwu li jagħmilha possibbli għaċ-ċittadini f'kull età u f'kull punt f'ħajjithom li jidentifikaw il-kapaċitajiet, il-kompetenzi u l-interessi tagħhom, jieħdu deċiżjonijiet marbuta mal-edukazzjoni, it-taħriġ u x-xogħol u jieħdu ħsieb id-direzzjoni ta' ħajjithom f'xenarji ta' tagħlim, xogħol u oħrajn.
4. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 ⁽³⁾, li stabbilixxew qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (“ET 2020”) li huwa għalkollox konsistenti mal-istrateġija *Ewropa 2020* u li l-erba' objettivi tiegħu — relatati mat-tagħlim tul il-ħajja u l-mobbiltà, il-kwalità u l-effiċjenza, l-ekwità, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva, kif ukoll il-kreattività u l-innovazzjoni — huma ugwalment rilevanti għat-tagħlim għall-adulti.
5. Ir-rapport ta' progress konġunt tal-2010 tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma dwar l-“Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010” ⁽⁴⁾, fejn ġie enfasizzat li fit-tagħlim għall-adulti huwa importanti wkoll provvediment li jkopri l-firxa kollha ta' kompetenzi ewlenin, u ġie nnutat li hemm sfida kbira biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha jibbenefikaw minn metodoloġiji innovattivi, inklużi dawk fit-tagħlim għall-adulti.
6. L-inizjattivi ewlenin ta' *Ewropa 2020*:

— *Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjegi*, li tappella lill-Istati Membri jiżguraw li n-nies jiksbu l-ħiliet meħtieġa għal tagħlim ulterjuri u s-suq tax-xogħol permezz tal-edukazzjoni ġenerali, vokazzjonali u edukazzjoni għolja, kif ukoll permezz tat-tagħlim għall-adulti;

⁽¹⁾ Għall-finijiet ta' dan it-test, it-terminu *tagħlim għall-adulti* jkopri l-firxa kollha ta' attivitajiet ta' tagħlim formali, mhux formali u informali — kemm ġenerali u vokazzjonali — li jwettqu l-adulti wara li jkun ħallew l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bidu.

⁽²⁾ ĠU C 140, 6.6.2008, p. 10.

⁽³⁾ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

⁽⁴⁾ ĠU C 117, 6.5.2010, p. 1.

- *Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar*, li tipproponi l-iżvilupp ta' edukazzjoni innovattiva għal komunitajiet fil-bżonn sabiex tagħmilha possibbli għal dawk li qed jgħixu l-faqar u l-esklużjoni soċjali biex jgħixu fid-dinjità u li jieħdu sehem attiv fis-soċjetà;
 - *Unjoni tal-Innovazzjoni*, li tippromwovi l-eċċellenza fl-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet sabiex jiġi żgurat tkabbir futur mill-innovazzjoni fil-prodotti, is-servizzi u l-mudelli ta' negozji f'Europa li qed tħabbat wiċċha ma' tixjijih tal-popolazzjoni u pressjonijiet kompetittivi qawwija.
7. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ ⁽¹⁾, li fihom ġie nnutat li l-espanzjoni tal-aċċess għall-edukazzjoni tal-adulti jista' johlq possibbiltajiet ġodda għal inklużjoni attiva u parteċipazzjoni soċjali msaħħa.
8. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għal-linji ta' politika tal-Istati Membri ⁽²⁾ dwar l-impjiegi, li tftitex li tippromwovi inċentivi effettivi għat-tagħlim tul il-ħajja ta' dawk b'impjieg u dawk mingħajr impjieg, "*biex b'hekk jiġi żgurat li kull adult ikollu l-opportunità li jerġa' jitħarreġ jew li jitle' grad' il fuq fil-kwalifika tiegħu*".
9. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 u d-19 ta' Novembru 2010 dwar kooperazzjoni Ewropea msaħħa fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) ⁽³⁾, li fihom ġiet inkoraġġuta b'mod attiv parteċipazzjoni individwali ikbar f'VET kontinwu, aktar investiment fl-iżvilupp tar-riżorsi umani, taħriġ fil-kumpanniji u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, u kollaborazzjoni eqreb bejn l-istituzzjonijiet tattaħriġ u dawk li jħaddmu, b'mod partikolari fit-taħriġ ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet.

JILQA' L-FATT LI

Bdiet il-ħidma fuq l-oqsma kollha ta' prijorità tal-Pjan ta' Azzjoni 2008-2010, għalkemm kull pajjiż qed jimxi b'pass differenti:

- Kulma jmur ir-riformi tat-tagħlim għall-adulti qegħdin jiddaħħlu fl-iżviluppi iġenerali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, notevolment l-iżvilupp ta' oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali u l-istrategġiji ta' tagħlim tul il-ħajja.
- L-assigurazzjoni tal-kwalità tqajmet bħala kwistjoni importanti fit-tagħlim għall-adulti u qed isiru avvanzi fl-iżvilupp tal-profil professjonali u t-taħriġ ta' professjonisti għat-tagħlim għall-adulti, l-akkreditament ta' fornituri għat-tagħlim għall-adulti u servizzi mtejbja ta' gwida għall-adulti.
- L-involviment fit-tagħlim u l-opportunitajiet li dan iġib miegħu kulma jmur qegħdin jiġu mmirati lejn dawk b'livelli

l-aktar baxxi ta' kwalifiki, li b'hekk jingħataw prospettu aħjar ta' integrazzjoni fix-xogħol u s-soċjetà.

- It-tagħlim mhux formali u informali, li jirrappreżenta ħafna mit-tagħlim għall-adulti, kulma jmur qed jiġi rikonoxxut u vvalidat aktar iżda t-teħid tal-opportunitajiet ta' validazzjoni għadu pjuttost baxx wisq.
- Ingħata bidu għat-titjib fis-sorveljanza fis-settur tat-tagħlim għall-adulti.

MINKEJJA DAN JIRRIKONOXXI LI:

Sabiex jiġu ffaċjati kemm il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika fuq perijodu qasir kif ukoll dawk fuq perijodu twil, hemm ħtieġa li l-adulti jtejbu b'mod regolari l-ħiliet u l-kompetenzi personali u professjonali tagħhom. Minħabba l-instabbiltà attwali fis-sug tax-xogħol u l-ħtieġa li jonqos ir-riskju tal-esklużjoni soċjali, dan japplika partikolarment għal dawk bi ftit ħiliet u dawk bi kwalifiki baxxi. Madankollu, l-adulti kollha - inklużi dawk bi kwalifiki għoljin - jistgħu igawdu b'mod sinifikanti mit-tagħlim tul il-ħajja.

Minkejja dan hemm kunsens dejjem akbar li t-tagħlim għall-adulti bħalissa hu l-iktar ħolqa dgħajfa fl-iżvilupp ta' sistemi nazzjonali ta' tagħlim tul il-ħajja. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti kompliet tonqos, minn 9.8 % tal-popolazzjoni bejn 25 u 64 sena fl-2005 għal 9.1 % biss fl-2010, li b'hekk tagħmel il-mira tal-"ET2020" ta' żieda għal 15 % sal-2020 sfida ħafna ikbar. Ostakoli bħall-motivazzjoni baxxa u nuqqas ta' faċilitajiet ta' kura biex jgħinu lin-nisa u l-irġiel jikkombinaw ir-responsabbiltajiet tal-familja u tax-xogħol mat-tagħlim jitolbu għalhekk aktar attenzjoni.

Bħal f'setturi oħrajn, it-tagħlim għall-adulti għandu jinkludi l-bidla għal-linja ta' politika bbażata fuq ir-riżultati tat-tagħlim li fiha l-istudent awtonomu hu ċentrali, irrISPettivament minn fejn jitgħallem - ix-xogħol, id-dar, fil-komunità lokali, f'attivajiet volontarji, jew f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ - u jiżviluppa l-mudell multidimensjonali ta' tmexxija li dan jeħtieġ.

Sabiex jinkiseb settur ta' tagħlim għall-adulti li jkun jista' jsostni l-istrategġija *Ewropa 2020*, għad fadal ħafna iktar xi jsir b'rabta mal-finanzjament effettiv u effiċjenti; b'rabta mal-għoti tal-provediment ta' opportunitajiet li jagħtu ċans ieħor u l-kisba ta' ħiliet bażiċi bħal-litteriżmu u l-ħiliet fin-numri, iżda wkoll ħiliet diġitali; b'rabta ma' tagħlim immirat għal migranti, persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien u żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), kif ukoll għal persuni b'diżabbiltà u adulti aktar anzjani; u b'rabta mal-kooperazzjoni ma' min iħaddem, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili.

L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni enfasizzat ukoll id-diffikultà li jiġi ssorveljat b'mod adatt is-settur tat-tagħlim għall-adulti, minħabba n-nuqqas ta' data ta' statistika eżistenti u evalwazzjoni ta' miżuri ta' linji ta' politika. Tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza fil-qasam tat-tagħlim għall-adulti jitlob data komprensiva u komparabbli dwar l-aspetti ewlenin kollha tat-tagħlim għall-adulti, sistemi ta' sorveljanza effettivi u kooperazzjoni bejn l-aġenziji differenti, kif ukoll attivajiet ta' riċerka ta' kwalità għolja.

⁽¹⁾ ĠU C 135, 26.5.2010, p. 2.

⁽²⁾ ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46.

⁽³⁾ ĠU C 324, 1.12.2010, p. 5.

IQIS LI:

It-tagħlim tul il-ħajja jkopri t-tagħlim minn qabel l-età tal-iskola għal dak ta' wara l-irtirar⁽¹⁾. It-tagħlim għall-adulti huwa komponent essenzjali tal-kontinwazzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja, li jkopri l-firxa kollha ta' attivitajiet ta' tagħlim formali, mhux formali u informali, ġenerali u vokazzjonali, li jwettqu l-adulti wara li jkunu ħallew l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bidu.

Sabiex wieħed jibni fuq il-kisbiet tal-Pjan ta' Azzjoni 2008-2010, filwaqt li jiġu kumplimentati l-inizjattivi ta' linji ta' politika eżistenti fl-oqsma tal-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għolja (il-proċess ta' Bolonja) u l-VET (il-proċess ta' Kopenhagen), hemm hteieġa għal "Aġenda Ewropea mhedda għat-Tagħlim għall-Adulti" bil-għan li tagħmilha possibbli għall-adulti kollha li jiżviluppaw u jtejbu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom matul ħajjithom.

It-tagħlim għall-adulti jista' jagħti kontribut sinifikanti biex jintlaħqu l-għanijiet ta' *Ewropa 2020* għat-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskejjel u t-taħriġ għal inqas minn 10 %. Għandha tingħata kif adegwat attenzjoni partikolari għat-titjib tal-provvediment għall-għadd kbir ta' Ewropej b'livell baxx ta' ħiliet immirat f'*Ewropa 2020*, li tibda mil-litteriżmu, il-ħiliet fin-numri u miżuri li fihom jingħata ċans ieħor bħala prekursor għal titjib fil-ħiliet għax-xogħol u l-ħajja iġenerali. Il-kisba ta' ħiliet bażiċi bħala bażi għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja⁽²⁾, l-indirizzar tal-problema tat-tluq bikri mill-iskejjel⁽³⁾, u t-trattament ta' kwistjonijiet bħall-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali ta' migranti, ir-Rom u gruppi żvantaġġati jitolbu azzjoni miftiehma kemm fl-edukazzjoni skolastika kif ukoll f'dik għall-adulti.

Fl-istess ħin, il-kontribut sostanzjali li t-tagħlim għall-adulti jista' jagħti lill-iżvilupp ekonomiku - billi jsaħħaħ il-produttività, il-kompetittività, il-kreattività, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija - għandu jiġi rikonoxxut u appoġġjat.

F'dan il-kuntest, hemm ukoll hteieġa konsiderevoli li jiżdiedu l-isforzi biex tinkiseb il-mira stabbilita fi ħdan l-istrategġija *Ewropa 2020* sabiex jiġi żgurat li mill-inqas 40 % taż-żgħażaġh itemmu l-edukazzjoni terzjarja jew dik ekwivalenti. Jekk tintlaħaq din l-isfida, dan jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ekonomija kompetittiva bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni li tuża kemm tista' mir-riżorsi tagħha u l-kapital uman.

GĦALHEKK JITLOB GĦAL:

L-adozzjoni ta' Aġenda Ewropea mġedda għat-tagħlim għall-adulti li tkompli, tikkumplimenta u tikkonsolida l-ħidma fil-qasam tat-tagħlim għall-adulti skont l-erba' oġettivi strateġiċi identifikati mill-Kunsill fil-qafas strateġiku "ET2020". Filwaqt li fil-bidu l-aġenda tiffoka fuq il-perijodu 2012-2014 (ara l-Anness meħmuż), din l-Aġenda għandha titqies fil-kuntest ta' viżjoni b'terminu itwal għat-tagħlim għall-adulti li - fil-perijodu sal-2020 - ser tfittex li tqajjem il-profil tas-settur iġenerali u, b'mod aktar speċifiku, li:

- (i) issaħħaħ il-possibiltajiet għall-adulti, irrispettivament mis-sess u ċ-ċirkostanzi personali u dawk marbuta mal-familja tagħhom, biex jiksbu aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim ta' kwalità għolja f'kull żmien f'ħajjithom, biex jiġi promoss l-iżvilupp personali u professjonali, l-għoti tas-setgħa, l-adattabbiltà, il-kapaċità għall-impjeg u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà;
- (ii) tiżviluppa approċċ ġdid fl-edukazzjoni u t-taħriġ għall-adulti li jiffoka fuq ir-riżultati tat-tagħlim u r-responsabbiltà u l-awtonomija tal-istudent;
- (iii) trawwem iktar kuxjenza fost l-adulti li t-tagħlim huwa sforz tul il-ħajja li huma għandhom isegwu f'intervalli regolari f'ħajjithom, u partikolarment waqt perijodi ta' qgħad jew transizzjoni fil-karriera;
- (iv) tħeġġeġ l-iżvilupp ta' sistemi effettivi ta' gwida tul il-ħajja, kif ukoll sistemi integrati għall-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali;
- (v) tiżgura l-provvediment komprensiv ta' edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali ta' kwalità għolja għall-adulti bil-għan li jinkisbu kompetenzi ewlenin jew li jwasslu għall-kwalifiki fil-livelli kollha tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK), appoġġata mis-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali, kif ukoll mill-awtoritajiet lokali;
- (vi) tiżgura arranġamenti flessibbli addattati għal ħtiġijiet differenti ta' taħriġ tal-adulti, inkluż taħriġ fil-kumpanniji u tagħlim ibbażat fuq il-post tax-xogħol;
- (vii) trawwem għarfien akbar fost min iħaddem li t-tagħlim għall-adulti jagħti kontribut għall-promozzjoni tal-produttività, il-kompetittività, il-kreattività, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija, u huwa fattur importanti fit-titjib tal-impjegabbiltà u l-mobbiltà tas-suq tax-xogħol tal-impjegati tagħhom;
- (viii) tinkoraġġixxi istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja biex jinkludu gruppi ta' studenti inqas tradizzjonali, bħall-istudenti adulti, biex b'dan il-mod juru responsabbiltà soċjali u iktar ftuħ lejn il-komunità iġenerali, kif ukoll iwieġbu għall-isfidi demografiki u għat-talbiet ta' soċjetà li qed tixjeh;
- (ix) tippromwovi r-rwol tal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili fl-artikolazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' tagħlim għall-adulti, kif ukoll issaħħaħ l-involvement ta' awtoritajiet ċentrali, reġjonali u lokali;
- (x) tippromwovi allokkazzjoni bbilanċjata ta' riżorsi ta' edukazzjoni u taħriġ tul iċ-ċiklu tal-ħajja abbażi ta' responsabbiltajiet kondiviżi u impenn pubbliku b'saħħtu, partikolarment għal opportunitajiet li jagħtu ċans ieħor u l-iżvilupp ta' ħiliet bażiċi;

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 dwar it-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 163, 9.7.2002, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.

⁽³⁾ Kif enfasizzat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2011 (ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1).

- (xi) tinvolvi l-imsieħba soċjali u tqajmillhom kuxjenza rigward il-benefiċċji, anki għalihom, li jitgħallmu fuq il-post tax-xogħol, inkluż provvediment ta' ħiliet bażiċi;
- (xii) jingħata tagħlim żviluppat tajjeb għall-anzjani, biex jiġi promoss tixjiħ attiv, awtonomu, u b'saħħtu, u li juża l-għarfien, l-esperjenza, il-kapital soċjali u kulturali tagħhom għall-benefiċċju tas-soċjetà inġenerali;
- (xiii) tagħmel impenn b'saħħtu biex jiġi promoss it-tagħlim għall-adulti bħala mezz kif titrawwem is-solidarjetà bejn gruppi ta' etajiet differenti, (pereżempju, permezz ta' "patt bejn il-ġenerazzjonijiet") u bejn kulturi u persuni minn kull sfond.

GĦALDAQSTANT JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

1. Jiffukaw l-isforzi tagħhom fil-perijodu 2012-14 fuq l-oqsma ta' prijorità li jinsabu fid-dettall fl-Anness mehmuż, u b'hekk jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-erba' prijoritatiet tal-qafas strateġiku "ET2020", f'konformità mal-kuntesti u l-leġislazzjoni nazzjonali.
2. Jiżguraw komunikazzjoni effettiva mal-ministeri u l-partijiet interessati, l-imsieħba soċjali, in-negozji rilevanti, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, bi ħsieb li tittejjeb il-koerenza bejn il-linji ta' politika dwar it-tagħlim għall-adulti u linji ta' politika soċjoekonomiċi usa'.
3. Jikkooperaw b'mod attiv fil-livell tal-UE biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-oqsma ta' prijorità msemmija hawn fuq, notevolment billi:
 - (i) ikun hemm użu sħiħ tal-għodda tat-tagħlim tul il-ħajja li dwarhom ikun intlaħaq qbil fil-livell tal-UE biex tiġi promossa l-parteciċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim;
 - (ii) jintużaw l-opportunitajiet provduti mill-Programm Tagħlim tul il-Ħajja — b'mod partikolari permezz ta' *Grundtvig* u *Leonardo da Vinci* — u l-programm suċċessur tiegħu mill-2014, kif ukoll il-fondi strutturali u strumenti oħra, fejn adegwat, sabiex jiġu kofinanzjati inizjattivi ta' sostenn;
 - (iii) jintuża l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u permezz tan-netwerks rilevanti Ewropej, biex jiġi promoss it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' Prattiki tajbin u esperjenza fil-qasam tat-tagħlim għall-adulti;
 - (iv) jintgħażel koordintaur nazzjonali, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-aġenda tat-tagħlim għall-adulti.

U JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

- Taħdem ma' u tappoġġja lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea mġedda għat-Tagħlim tal-Adulti deskritta hawn fuq u, speċifikament, fit-tweġġ tal-prijoritatiet għall-perijodu 2012-2014 iddettaljata fl-Anness I, partikolarment billi:
- (i) tiżgura l-kumplimentarjetà u l-koerenza bejn l-inizjattivi tal-politika meħudin skont din ir-Riżoluzzjoni u dawk żviluppati fil-kuntest ta' proċessi oħra ta' politika rilevanti fi ħdan il-qafas strateġiku "ET2020", il-proċess ta' Kopenhagen, il-proċess ta' Bolonja, l-aġenda tal-modernizzazzjoni tal-UE għall-edukazzjoni għolja, u inizjattivi bħal dawk dwar il-litteriżmu u t-tluq bikri mill-iskejjel li jeħtieġu approċċ miftiehem li jinvolvi l-edukazzjoni skolastika u t-tagħlim għall-adulti, u l-promozzjoni tad-dimensjoni tat-tagħlim f'kull wieħed minn dawn;
 - (ii) tistabbilixxi komunikazzjoni kontinwa mill-qrib mal-koordinaturi nazzjonali nominati fl-Istati Membri u l-pajjiżi l-oħra parteciċipanti;
 - (iii) tgħin lill-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet li jappoġġaw it-tagħlim għall-adulti jikkondividu l-informazzjoni dwar il-linji ta' politika u l-prattiki tagħhom, u dwar l-ewalwazzjoni tagħhom it-tnejn, permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitatijiet ta' tagħlim bejn il-pari u rieżamijiet, konferenzi, workshops u strumenti oħra adatti, u, fi ħdan ir-riżorsi disponibbli, it-titjib fil-għir ta' data dwar it-tagħlim għall-adulti bħala parti mill-qafas koerenti aġġornat ta' indikaturi u punti ta' riferiment skedati għall-2013;
 - (iv) issaħħaħ il-bażi ta' għarfien dwar it-tagħlim għall-adulti fl-Ewropa billi jiġu kkummissjonati studji u tiġi rinfurzata l-kapaċità ta' strutturi ta' riċerka eżistenti rilevanti għall-analiżi ta' kwistjonijiet relatati mat-tagħlim għall-adulti, inkluża l-kooperazzjoni mal-Eurydice u s-Cedefop u istituzzjonijiet rilevanti oħra u billi jsir użu sħiħ mill-informazzjoni u l-kapaċitajiet ta' riċerka tagħhom;
 - (v) issegwi u tintensifika l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) (b'mod partikolari billi jiġu sfruttati r-riżultati tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti — PIAAC), in-NU (b'mod partikolari l-UNESCO) u l-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll inizjattivi reġjonali jew dinjija rilevanti oħra bħall-"fulkru" bejn l-Ewropa u l-Asja rigward it-tagħlim tul il-ħajja (ASEM);
 - (vi) tuża l-fondi disponibbli fil-livell Ewropew biex tappoġġja l-implimentazzjoni ta' din l-aġenda għat-tagħlim għall-adulti;
 - (vii) tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-aġenda bħala parti mir-rapport ta' progress konġunt "ET 2020".

ANNEX

AĠENDA EWROPEA GĦAT-TAGĦLIM GĦALL-ADULTI

Oqsma ta' prijorità għall-perijodu 2012-2014

B'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru, u skont il-prijoritajiet nazzjonali, l-Istati Membru huma mistiedna, fejn adegwat bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jikkonċentraw fuq daww il-oqsma deskritti hawn taħt li huma l-aktar rilevanti għall-ħtiġijiet partikolari tagħhom.

1. It-tagħlim tul il-ħajja u l-mobbiltà jsiru realtà

Biex tiżdied u titwessa' l-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja, b'rispons għall-mira tal-UE, li diġà ntlaħaq qbil dwarha, ta' 15 % parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti, kif ukoll biex tingħata spinta sabiex il-proporzjon ta' żgħażagħ bi kwalifiki ta' edukazzjoni terzjarja u daww ekwivalenti jiżdied għal 40 %, l-Istati Membri huma mistiedna jikkonċentraw fuq:

- L-istimulazzjoni tad-domanda, u l-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni u ta' gwida komprensivi u aċċessibbli faċilment, ikkumplementati bi strateġiji ta' sensibilizzazzjoni effettivi mmirati biex iqajmu kuxjenza u motivazzjoni fost l-istudenti potenzjali, b'attenzjoni speċifika fuq gruppi żvantaġġati, persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs), adulti bi kwalifiki baxxi, partikolarment daww b'diffikultajiet ta' litteriżmu, u segwiti b'opportunitajiet ta' ċans ieħor li jwasslu għal livell rikonoxxut ta' kwalifiki tal-QEK.
- Il-promozzjoni tal-involvement ta' min iħaddem f'tagħlim ibbażat fuq il-post tax-xogħol, bil-għan li jiġu żviluppati kemm hilit speċifiċi għall-impjeg kif ukoll hilit usa', inkluż permezz ta' ħinijiet tax-xogħol aktar flessibbli.
- Il-promozzjoni ta' mogħdijiet ta' tagħlim flessibbli għall-adulti, inkluż aċċess aktar wiesgħa għall-edukazzjoni għolja għal daww li m'għandhomx kwalifiki ta' aċċess mill-ewlenin u d-diversifikazzjoni tal-ispettru ta' opportunitajiet ta' tagħlim għall-adulti offruti minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja.
- L-istabiliment ta' sistemi li funzjonaw tajjeb għall-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali u l-promozzjoni tal-użu tagħhom mill-adulti tal-etajiet kollha u fil-livelli kollha ta' kwalifiki, kif ukoll mill-intrapriżi u organizzazzjonijiet oħra.

2. Titjib fil-kwalità u l-effiċjenza tal-edukazzjoni u t-taħriġ

Biex jinbena settur b'saħħtu ta' tagħlim għall-adulti, l-Istati Membri huma mistiedna jikkonċentraw fuq:

- L-iżvilupp tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-fornituri tat-tagħlim għall-adulti, pereżempju permezz ta' sistemi ta' akkreditazzjoni, b'kont meħud tal-oqsfa/standards tal-kwalità diġà eżistenti f'setturi oħra.
- It-titjib fil-kwalità tal-persunal involut fl-edukazzjoni tal-adulti, pereżempju billi jiġu definiti profili ta' kompetenza, jiġu stabbiliti sistemi effettivi għal taħriġ inizjali u żvilupp professjonali, u l-iffaċilitar tal-mobbiltà ta' għalliehma, ħarrieġa u persunal ieħor involut fl-edukazzjoni tal-adulti.
- L-iżgurar ta' sistema vijabbli u trasparenti għall-fondi tat-tagħlim għall-adulti, ibbażata fuq responsabbiltà kondiviża b'livell għoli ta' impenn pubbliku għas-settur u appoġġ għal daww li ma jistgħux iħallsu, distribuzzjoni b'bilanċjata ta' fondi mifruxa fuq il-kontinwazzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja, kontribuzzjoni adatta għall-fondi mill-partijiet interessati kollha u t-tiftix ta' mezzi innovattivi għal finanzjament aktar effettiv u effiċjenti.
- L-iżvilupp ta' mekkaniżmi biex jiġi żgurat li l-provvediment edukattiv jirrifletti aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u li jipprovdi l-possibiltajiet għall-kisba ta' kwalifiki u l-iżvilupp ta' hilit ġodda li jżidu l-kapaċità tal-persuni biex jadattaw għall-ħtiġijiet ġodda ta' ambjent li qed jinbidel.
- L-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni u s-sħubija bejn il-partijiet interessati kollha rilevanti għat-tagħlim għall-adulti, notevolment l-awtoritajiet pubbliċi, il-fornituri differenti ta' opportunitajiet ta' tagħlim għall-adulti, imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment fil-livell reġjonali u lokali fil-kuntest tal-iżvilupp ta' "reġjuni ta' tagħlim" u ċentri lokali ta' tagħlim.

3. Promozzjoni tal-ekwità, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva permezz tat-tagħlim għall-adulti

Sabiex tiġi żviluppata l-kapaċità tas-settur ta' tagħlim għall-adulti li jippromwovi l-koeżjoni soċjali u biex il-persuni li jehtigħu jkollhom ċans ieħor għall-oppurtunitajiet ta' tagħlim u tal-ħajja, kif ukoll biex jingħata kontribut għat-tnaqqs fis-sehem ta' daww li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni għal inqas minn 10 %, l-Istati Membri huma mistiedna jikkonċentraw fuq:

- It-titjib tal-hilit tal-adulti tal-litteriżmu u fin-numri, l-iżvilupp tal-litteriżmu diġitali u l-provvediment ta' opportunitajiet għall-adulti biex jiżviluppaw hilit bażiċi u forum ta' litteriżmu meħtieġa għall-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà moderna (bħal-litteriżmu ekonomiku u finanzjarju, il-kuxjenza ċivika, kulturali, politika u ambjentali, tagħlim għall-għajxien san, sensibilizzazzjoni tal-konsumatur u dwar il-mezzi tal-informazzjoni).

- Iż-żieda fil-provvediment u l-inkoraġġiment tal-involvement tal-individwi fit-tagħlim għall-adulti bħala mezz biex tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali u parteċipazzjoni attiva fil-komunita u s-soċjeta, u t-titjib fl-aċċess għat-tagħlim għall-adulti għal migranti, ir-Rom u gruppi żvantaġġati, kif ukoll provvediment ta' tagħlim għar-refuġjati u persuni li qed ifittxu asil, inkluż it-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti, fejn adegwat.
- It-tisħiħ tal-opportunitajiet ta' tagħlim għall-adulti kbar fl-età fil-kuntest ta' tixjiħ attiv, inkluż il-volontarjat u l-promozzjoni ta' forom innovattivi ta' tagħlim bejn il-ġenerazzjonijiet u inizjattivi biex jiġi sfruttat l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi ta' persuni kbar fl-età għall-benefiċċju tas-soċjeta inġenerali.
- L-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' tagħlim ta' persuni b'diżabbiltajiet u persuni f'sitwazzjonijiet speċifiċi ta' esklużjoni mit-tagħlim, bħal dawk fl-ispartarajiet, djar ta' kura u ħabsijiet, u l-provvediment lilhom ta' appoġġ xieraq ta' gwida;

4. Tisħiħ tal-kreattività u l-innovazzjoni tal-adulti u l-ambjenti tagħhom ta' tagħlim

Biex jiġu żviluppatti pedagogiġi ġodda u ambjenti ta' tagħlim kreattivi fit-tagħlim għall-adulti, kif ukoll biex jiġi promoss it-tagħlim għall-adulti bħala mezz ta' tisħiħ tal-kreattività u l-kapaċità innovattiva taċ-ċittadini, l-Istati Membri huma mistiedna jikkonċentraw fuq:

- Il-promozzjoni tal-kisba ta' kompetenzi ewlenin trasversali, bħat-tagħlim dwar kif titgħallem, sens ta' inizjattiva u intraprenditorija, u kuxjenza u espressjoni kulturali, b'mod partikolari billi jiġi applikat il-Qafas Ewropew tal-Kompetenzi Ewlenin fis-settur ta' tagħlim għall-adulti.
- It-titjib fl-irwol ta' organizzazzjonijiet kulturali (bħal mużewijiet, libreriji, eċċ.), is-soċjeta ċivili, l-organizzazzjonijiet sportivi u entitajiet oħra bħala ambjent kreattiv u innovattiv għal tagħlim mhux formali u informali għall-adulti.
- L-użu aħjar ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) fil-kuntest tat-tagħlim għall-adulti, bħala mezz biex jitwessa' l-aċċess u titjeb il-kwalità tal-provvediment, eż. billi jiġu sfruttati opportunitajiet ġodda għal tagħlim mill-bogħod u l-ħolqien ta' għodod u pjattaformi għal tagħlim elettroniku biex jintlaħqu gruppi ġodda fil-mira, b'mod partikolari dawk bi bżonnijiet speċjali jew li jgħixu f'żoni remoti.

Sabiex jappoġġaw l-oqsma ta' prijorità msemmijin hawn fuq f'konformità mal-erba' oġġettivi strateġiċi tal-qafas "ET2020", l-Istati Membri huma mistiedna wkoll biex jikkontribwixxu għat-titjib tal-ġbir, il-komparabbiltà u l-analiżi tal-informazzjoni u d-data dwar it-tagħlim għall-adulti fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali:

5. Titjib fil-bażi ta' għarfien dwar it-tagħlim għall-adulti u sorveljanza fis-settur tat-tagħlim għall-adulti

L-Istati Membri huma mistiedna jikkonċentraw fuq:

- Il-parteċipazzjoni attiva fi u l-implimentazzjoni ta' messaġġi ewlenin li jirriżultaw minn sħarriġ internazzjonali u studji fuq skala kbira bħall-Istħariġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES), l-Istħariġ dwar it-Taħriġ Vokazzjonali Kontinwu (CVTS) u l-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti (PIAAC).
- Iż-żieda fl-isforzi għall-ġbir ta' biżżejjed data inizjali, pereżempju dwar il-parteċipazzjoni, il-fornituri, il-finanzjament, ir-riżultati u l-benefiċċji usa' tat-tagħlim għall-adulti u s-soċjeta, u l-estensjoni tal-kopertura tad-data għall-firxa tal-età 'l fuq minn 64 biex wieħed jimxi maż-żieda fil-ħajja tax-xogħol.
- It-tisħiħ tas-sorveljanza u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tas-settur tat-tagħlim għall-adulti fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, l-użu aħjar tal-istrumenti eżistenti fejn possibbli.
- L-intensifikazzjoni tar-riċerka u l-analiżi dettaljata ta' kwistjonijiet relatati mat-tagħlim għall-adulti, l-estensjoni tal-firxa tar-riċerka biex jiġu inklużi oqsma ġodda u tiġi inkoraġġuta aktar analiżi interdixxiplinari u prospettiva.
- Ir-rappurtar dwar linji ta' politika dwar it-tagħlim għall-adulti bħala parti mir-rapport ta' progress konġunt dwar l-"ET2020".

Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha qabel il-laqgħat tal-WADA

(2011/C 372/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI,

FILWAQT LI JFAKKRU:

- (1) fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġlieda kontra d-doping ⁽¹⁾.
- (2) fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010, dwar ir-rwol tal-UE fil-ġlieda internazzjonali kontra d-doping ⁽²⁾.

JIRRIKONOXXU LI:

- (1) L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu kapaċi jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom u jwettqu r-rwol tagħhom matul it-tħejjija, in-negozjar u l-adozzjoni, fost l-oħrajn, tar-regoli, l-istandards u l-linji gwida mill-Aġenzija Dinjija kontra d-Doping (minn hawn 'il quddiem: "WADA").
- (2) Huwa meħtieġ li jiġu previsti modalitajiet prattiċi rigward il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fil-ħidma tal-WADA, kif ukoll il-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet qabel il-laqgħat tal-WADA.
- (3) Il-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-kontinent Ewropew qabel il-laqgħat tal-WADA sseħħ fil-Kunsill tal-Ewropa b'kont dovut ta' kwalunkwe leġislazzjoni applikabbli tal-UE.
- (4) Hemm hteġġa kbira għal kontinwità fir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA, li huwa appoġġat minn mandat politiku u livell adatt ta' għarfien espert.

KONSEGUMENT JAQBLU LI:

- (1) Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA għandhom ikunu fil-livell ministerjali u li s-siġġijiet għandhom jiġu allokat kif ġej:
 - siġġu wieħed għandu jiġi allokat lil wieħed mill-Istati Membri li jiffurmaw it-Trio tal-Presidenza fil-kariga,
 - siġġu wieħed għandu jiġi allokat lil wieħed mill-Istati Membri li jiffurmaw it-Trio futur tal-Presidenza,
 - siġġu wieħed għandu jiġi allokat konguntemment mill-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill lil persuna responsabbli għall-isport fil-livell ministerjali b'esperjenza u għarfien adatti (minn hawn 'il quddiem: "espert fil-livell ta' gvern").
- (2) Fejn adatt ir-rappreżentanti tal-Istati Membri jistgħu jkunu akkumpanjati minn esperti mill-Istat Membru li jkollu l-Presidenza u/jew mill-Kummissjoni.
- (3) L-arranġamenti rigward ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA kif deskritti fl-Anness I għandhom isiru effettivi mill-1 ta' Jannar 2013.
- (4) Il-Linji Gwida għall-Kondotta bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni rigward it-tħejjijiet għal-laqgħat tal-WADA kif deskritti fl-Anness II, japplikaw.
- (5) Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, għandhom jeżaminaw l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' din ir-Riżoluzzjoni u jqisu jekk ikunux meħtieġa xi aġġustamenti għall-arranġament stabbilit minn din ir-Riżoluzzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 356, 12.12.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 324, 01.12.2010, p. 18.

ANNEX I

Arranġamenti rigward ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA

L-Istati Membri tal-UE jaqblu dwar is-sistema ta' rappreżentazzjoni li ġejja:

RAPPREŻENTANTI MILL-ISTATI MEMBRI LI JIFFURMAW IT-TRIO TAL-PRESIDENZI FIL-KARIGA U DAK FUTUR:

- L-Istati Membri li jiffurmaw it-Trio tal-Presidenza fil-kariga jagħżlu, wara konsultazzjoni interna, wieħed minnhom bħala rappreżentant tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA. L-Istat Membru magħżul, għandu jinnomina, wara l-proċeduri interni tiegħu, rappreżentant għal dak il-għan. Dan ir-rappreżentant għandu jkun il-persuna responsabbli fil-livell ministerjali għall-isport fl-Istat Membru. L-Istat Membru magħżul biex jipprovi rappreżentant u l-isem ta' dak ir-rappreżentant għandu jiġi nnotifikat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE.
- Jekk ir-rappreżentant jieqaf mill-funzjonijiet tiegħu/tagħha fil-livell ministerjali, l-Istat Membru għandu jinnomina sostitut fil-livell ministerjali.
- Ir-regoli msemmija hawn fuq għandhom japplikaw ukoll għall-Istati Membri li jiffurmaw it-Trio futur tal-Presidenza.
- Il-mandat tar-rappreżentanti msemmija hawn fuq huwa ta' 3 snin.
- Ir-rappreżentant mill-Istati Membri li jiffurmaw it-Trio futur tal-Presidenza għandu jibqa' fil-kariga anke wara li dan isir it-Trio tal-Presidenza fil-kariga sabiex tiġi żgurata l-kontinwità u ż-żamma ta' mandat ta' tliet snin.

ESPERT FIL-LIVELL TA' GVERN INNOMINAT KONĠUNTEMENT MILL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL:

- Proposti għal rappreżentant espert għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri mhux aktar tard minn xahar qabel il-laqgħa tal-Kunsill tal-UE, li matulha għandha sseħħ in-nomina. Il-proposti ma għandhomx jinkludu ministri mill-Istati Membri li jiffurmaw it-Trio tal-Presidenza fil-kariga jew it-Trio futur tal-Presidenza. Il-proposti għal rappreżentant espert għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE.
- L-ewwel nomina tal-membri tal-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA, imwettqa bil-mod deskritt hawn fuq, għandha sseħħ fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport tal-UE sa mhux aktar tard minn Novembru 2012.
- Il-mandat tar-rappreżentanti huwa ta' 3 snin.
- Jekk ir-rappreżentant jieqaf mill-funzjonijiet tiegħu/tagħha fil-livell ministerjali fl-Istat Membru tiegħu/tagħha, għandha tinbeda proċedura għal nomina ġdida. Ir-rappreżentant attwali jibqa' fil-kariga sakemm il-proċedura għal nomina ġdida tkun intemmet.

REGOLI TRANSIZZJONALI:

- Ir-regoli attwali dwar ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2012.
- Il-mandat tar-rappreżentant innominat mill-Irlanda, il-Litwanja u l-Greċja għandu jitqassar għal 18-il xahar u jibda mill-1 ta' Jannar 2013.

PROĊESS TA' APPROVAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL:

- L-approvazzjoni tal-espert fil-livell ta' gvern u l-Istati Membri magħżulin mit-Trio tal-Presidenzi fil-kariga u dawk futuri biex jinnominaw rappreżentanti lill-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA, issir mill-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill b'avviż suffiċjementement bil-quddiem.
- L-ismijiet tal-membri kollha tal-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA li huma rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE huma nnotifikati permezz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE lill-WADA.

ANNEX II

Linji gwida għall-Kondotta bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni fir-rigward tat-tħejjijiet għall-laqgħat tal-WADA

Filwaqt li jitqies li fid-dawl tal-acquis tal-UE u d-dmir ta' kooperazzjoni sinċiera, fejn adatt il-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet diskussi fil-laqgħat tal-WADA għandhom jiġu kkoordinati, taħt it-tmexxija tal-Presidenza, fi żmien debitu u b'mod effiċjenti qabel il-laqgħat fil-WADA,

Il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-linji gwida li ġejjin għall-kondotta:

NATURA U AMBITU TAL-LINJI GWIDA:

- Dawn il-Linji Gwida għall-Kondotta għandhom japplikaw għat-tħejjija tal-laqgħat kollha tal-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA.
- Dawn il-Linji Gwida għall-Kondotta jstabbilixxu l-arranġamenti bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dawn il-laqgħat, inklużi l-laqgħat preċedenti tal-Kunsill tal-Ewropa (CAHAMA).

IL-PROĊESS TA' KOORDINAZZJONI:

- Il-proċess ta' koordinazzjoni għandu jibda b'analiżi tal-aġenda tal-laqgħa tal-WADA konguntemment mill-Presidenza tal-Kunsill fil-kariga assistita mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE, u l-Kummissjoni Ewropea.
- Il-Presidenza ser tħejji abbozz ta' dikjarazzjoni komprensiva ta' pożizzjoni filwaqt li tqis dawn l-arranġamenti u l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea dwar kwistjonijiet fejn l-UE għandha l-kompetenza.
- Id-dikjarazzjoni ta' pożizzjoni għandha titħejja mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Isport u tkun maqbulha, bħala regola ġenerali, mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER), ħliel f'każijiet ta' urġenza.

RELAZZJONIJET MAL-KUNSILL TAL-EWROPA:

- Fil-laqgħat tal-CAHAMA ⁽¹⁾, ir-rappreżentant tal-Presidenza għandu jippreżenta d-dikjarazzjoni ta' pożizzjoni dwar il-punti fejn tkun tħejjiet pożizzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta l-pożizzjoni tal-UE fejn l-UE għandha l-kompetenza u fejn ikun hemm pożizzjoni li tkun ġiet maqbulha konformement mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.
- L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ifittxu li jinkludu din il-pożizzjoni fid-dikjarazzjoni ta' pożizzjoni tal-kontinent Ewropew imħejjija mill-CAHAMA.

KOORDINAZZJONI AD HOC

- Fi kwalunkwe ħin, fejn meħtieġ, koordinazzjoni ad hoc tal-UE u tal-Istati Membri tagħha tista' titwettaq, bħala regola ġenerali, taħt it-tmexxija tal-Presidenza. Dan jista' jsir fil-marġini tal-laqgħat tal-CAHAMA jew tal-WADA.

TAĦDIT U VOTAZZJONI:

- Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE għandhom jikkellmu u jivvutaw dwar kwistjonijiet konformement mal-pożizzjonijiet maqbulha.

RAPPORTAR:

- Ir-rappreżentant tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA mit-Trio tal-Presidenza fil-kariga għandu jirrapporta dwar l-eżitu tal-laqgħa tal-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport tal-UE.
- Rapport bil-miktub dwar l-eżitu tal-laqgħa tal-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA għandu jiġi ppreżentat mir-rappreżentant tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA mit-Trio tal-Presidenza fil-kariga, lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Isport.

⁽¹⁾ Il-Kumitat Ewropew *ad hoc* għall-Aġenzija Dinjija Kontra d-Doping (CAHAMA), stabbilit f'Lulju 2003, huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tal-pożizzjoni tal-Partijiet kollha għall-Konvenzjoni Kulturali Ewropea, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-WADA. Laqgħat ordinarji tal-CAHAMA huma msejħa immedjatament qabel jew wara il-laqgħat tal-Grupp ta' Monitoraġġ tal-Konvenzjoni Kontra d-Doping, u fejn possibbli, mill-anqas ġimgħa qabel il-laqgħat ordinarji tal-Bord ta' Fondazzjoni u l-Kumitat Eżekuttiv tal-WADA.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni tal-Lvant tal-parteċipazzjoni u l-mobbiltà
taż-żgħażaġh

(2011/C 372/03)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI
MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL:

FILWAQT LI JFAKKRU LI

1. L-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi azzjoni tal-Unjoni Ewropea li għandha tiġi mmirata lejn l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' skambji bejn iż-żgħażaġh u ta' skambji ta' edukaturi soċjoedukattivi, u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa;
2. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ppermetta lill-UE biex isaħħaħ il-kisba tal-politika estera tagħha; il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien issa tista' titwessa' biex tkopri l-firxa sħiħa ta' kwistjonijiet b'mod integrat u aktar effettiv;
3. Il-mobbiltà hija sinifikanti għall-promozzjoni ta' fehim reċiproku u żvilupp ekonomiku filwaqt li titqajjem is-sensibilizzazzjoni dwar attitudnijiet differenti lejn il-ħajja u s-sitwazzjonijiet differenti taż-żgħażaġh fl-Ewropa kollha. Fost vantaġġi oħra, il-mobbiltà hija indispensabbli għall-iskambju tal-ideat, it-tifrix tal-innovazzjoni, it-trattament ta' kwistjonijiet soċjali u dawk dwar l-impjegi, l-istabbiliment ta' relazzjonijiet sodi bejn il-persuni, l-għajnuna fl-iżvilupp personali, u l-inkoraġġiment għall-akkwist ta' ħilet personali kif ukoll il-promozzjoni ta' kompetenzi interkulturali u għall-ġlieda kontra l-preġudizzji; minbarra kwistjonijiet oħrajn, il-mobbiltà hija ċentrali għall-isfruttar tal-potenzjal taż-żgħażaġh kollha u jinkisbu l-oġettivi tal-Ewropa 2020;
4. Fil-kuntest ta' żieda ġenerali fil-mobbiltà, li twassal għal interazzjonijiet frekwenti bejn persuni ta' nazjonalitajiet, kulturi, reliġjonijiet u twemmin differenti, l-Unjoni Ewropea għandha rwol dejjem jikber fil-livell internazzjonali fil-promozzjoni tar-rispett għad-demokrazija, il-libertà, l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem u standards adatti ta' djalogo interkulturali;
5. Il-"parteċipazzjoni" u ż-żgħażaġh u d-dinja" ġew inklużi bħala żewġ oqsma ta' prijorità ta' azzjoni fil-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018);
6. Il-Konferenza taż-Żgħażaġħ tal-UE saret mill-5 sas-7 ta' Settembru 2011 f'Varsavja, il-Polonja, li matulha kien enfasizzat li kien hemm hteġa partikolari:
 - għall-kooperazzjoni transsettorjali bejn l-NGOs taż-żgħażaġh u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kif ukoll għal aktar riċerka biex jiġi valutat l-impatt tal-kooperazzjoni u l-mobbiltà taż-żgħażaġh;
 - għall-informazzjoni aċċessibbli dwar l-Istati Membri u l-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkasu, permezz ta' kanali online u offline;
 - biex jintelgħu l-ostakli ta' viża li jibqgħu l-ostaklu l-aktar persistenti għall-kooperazzjoni taż-żgħażaġh bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha;
 - għat-tisħiħ u l-espansjoni ta' riżorsi u programmi bħall-Programm Żgħażaġħ f'Azzjoni sabiex ikun hemm aktar fokus fuq il-kwistjonijiet ta' mobbiltà u l-involviment taż-żgħażaġh fil-proċessii ta' teħid tad-deċiżjonijiet;
 - biex tiġi prijoritizzata l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa u fil-linji ta' politika tal-UE, pereżempju bit-tneġġja ta' programmi speċjali li jappoġġaw il-kooperazzjoni taż-żgħażaġh bejn il-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant (EEC) u l-Istati Membri tal-UE.

JIRRIKONOXXU LI

7. It-kabbir tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 ġab miegħu bidla storika għall-Unjoni f'termini politiċi, ġeografiċi u ekonomiċi, filwaqt li saħħaħ aktar il-ħtieġa għal kooperazzjoni bejn l-UE u l-ġirien tagħha, inklużi dawk mill-EEc⁽¹⁾;
8. Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV)⁽²⁾ tal-Unjoni Ewropea, li reċentement ġiet evalwata u inkluża f'qafas ġdid permezz tal-Komunikazzjoni "Rispons Ġdid għal Viċinat li Qed Jinbidel", tistabbilixxi objettivi ambizzjużi bbażati fuq impenji lejn valuri kondiviżi u l-implimentazzjoni effettiva ta' riformi politiċi, ekonomiċi u istituzzjonali; l-iżviluppi demokratiċi u t-trasformazzjoni li qed iseħħu fl-eqreb ġirien lejn il-Lvant u lejn in-Nofsinhar tal-Unjoni Ewropea, żiedu wkoll l-importanza strateġika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u tal-miżuri li jsaħħu lis-soċjetà ċivili u dwar opportunitajiet msaħħa għall-iskambji u l-kuntatti bejn il-persuni b'fokus partikolari fuq iż-żgħażaġh.
9. F'dan il-kuntest, is-Sħubija tal-Lvant (EaP)⁽³⁾ hija inizzjattiva ta' sinifikat strateġiku għall-istabbiltà u s-sigurtà kemm tal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant li qed jipparteċipaw fil-qafas tal-PEV kif ukoll tal-UE fl-intier tagħha. L-għan importanti tagħha huwa li ssaħħa lis-soċjetà ċivili, li hija wieħed mill-pedamenti ta' stat demokratiku effiċjenti. Dak il-qasam ta' kooperazzjoni, li jinkludi, il-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni taż-żgħażaġh, għandu jkollu rwol aktar prominenti fl-EaP;
10. L-iffaċilitar tal-kuntatti bejn il-persuni u t-tisħiħ tad-djalogu mas-soċjetà ċivili ġew identifikati bħala elementi essenzjali tas-Sħubija UE-Russja għall-Modernizzazzjoni⁽⁴⁾;
11. L-Unjoni Ewropea diġà għamlet sforzi biex tipprovdha permessi ta' residenza speċjali lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għall-ammissjoni fit-territorju ta' Stat Membru, sabiex ikun hemm involviment fattivitajiet volontarji⁽⁵⁾, li huwa pass 'il quddiem importanti;
12. Il-ħtieġa li jiġu stabbiliti sħubiji ta' mobbiltà mal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tan-Nofsinhar (EEc) kienet enfasizzata
- reċentement mill-Kunsill Ewropew⁽⁶⁾. Bil-ħsieb tal-forma futura ta' dawn is-sħubiji, hemm ħtieġa li jittieħed kont tat-tisħiħ tal-mobbiltà taż-żgħażaġh għall-mobbiltà fit-tagħlim inkluż it-tagħlim non-formali f'pajjiż ieħor, li jista' jkun taħt forom bħal ħidma taż-żgħażaġh, inkluż skambji bejn iż-żgħażaġh u attivitajiet ta' volontarjat;
13. Programmi ta' skambji bejn iż-żgħażaġh huma għodda tajba, speċjalment għaż-żgħażaġh b'anqas opportunitajiet biex jiksbu esperjenzi interkulturali u jiżviluppaw ħliet personali u lingwistiċi;
14. L-iżvilupp tal-kooperazzjoni internazzjonali taż-żgħażaġh, il-ħaddiema żgħażaġh u l-mexxejja żgħażaġh mill-Unjoni Ewropea u l-EEc jikkostitwixxi element sinifikanti tal-mekkaniżmu tal-bini ta' fiduċja fir-reġjun, b'hekk jiġu ffurmati relazzjonijiet futuri fl-Ewropa fil-kuntest ta' diffikultajiet potenzjali;
15. Il-Politika Ewropea tal-Viċinat tinvolvi l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri fir-rigward tas-sittax-il pajjiż ġirien tal-UE. F'dan il-kuntest u waqt li jiġi kkunsidrat il-kontribut potenzjali tagħhom għall-proċessi kurrenti ta' demokratizzazzjoni, jista' jiġi previst li jiġu applikati inizzjattivi simili għall-dawk imniżżla f'dan id-dokument fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Mediterran.

JIDENTIFIKAW IL-ĦTIEĠA ĠENERALI LI

16. Jappoġġaw il-kooperazzjoni, id-djalogu u l-fehim reċiproku internazzjonali bejn iż-żgħażaġh, il-ħaddiema żgħażaġh u l-mexxejja żgħażaġh mill-UE u l-EEc bħala għodda importanti għall-appoġġ taċ-ċittadinanza Ewropea u l-proċessi ta' demokratizzazzjoni;
17. Jiffaċilitaw l-aċċess taż-żgħażaġh għal mobbiltà fit-tagħlim, inklużi iż-żgħażaġh, il-ħaddiema maż-żgħażaġh u l-mexxejja żgħażaġh mill-EEc li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni Ewropea, kif ukoll iċ-ċittadini żgħażaġh mill-Unjoni Ewropea li jivvjaġġaw lejn kwalunkwe pajjiż tal-Ewropa tal-Lvant;
18. Jinkoraġġixxu t-tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u iż-żgħażaġh fil-qasam tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari mal-EEc, permezz tas-sensibilizzazzjoni dwar linji ta' politika dwar iż-żgħażaġh u t-tisħiħ tal-kwalità tal-informazzjoni dwar opportunitajiet u parteċipazzjoni fil-mobbiltà;

(1) Għall-fini ta' dan id-dokument il-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant huma dawn li ġejjin: l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bjelorussja, il-Ġeorġja, il-Moldova, l-Ukraina u r-Russja.

(2) Il-qafas tal-PEV ikopri 16 mill-eqreb ġirien tal-UE — l-Alġerija, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bjelorussja, l-Eġittu, il-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Moldova, il-Marokk, it-Territorju Okkupat tal-Palestina, is-Sirja, it-Tuneżija, u l-Ukraina.

(3) L-inizzjattiva tal-EaP tkopri l-pajjiżi li ġejjin: l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bjelorussja, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukraina.

(4) http://eeas.europa.eu/russia/index_en.htm

(5) Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004.

(6) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (23/24 ta' Ġunju 2011), EUCO 23/11.

GĦALDAQSTANT JAQBLU LI

19. L-appoġġ tal-mobbiltà reċiproka u parteċipazzjoni akbar f'attivitajiet ta' tagħlim non-formali taż- żgħażaġh, il- ħaddiema maż-żgħażaġh u l-mexxejja żgħażaġh mill-UE u l-EEc jistgħu jgħibu vantaġġi numerużi għal:
- żgħażaġh, fl-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom sabiex huma jżidu l-impjegabbiltà tagħhom, jitgħallmu approċċi innovattivi u jżviluppaw l-fehim tagħhom ta' kulturi oħra f'dinja dejjem aktar globalizzata u multikul- turali u jingħataw lhom l-opportunitajiet biex jirriflettu dwar modi kif iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja demokratika f'diversi kuntesti;
 - organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l- organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u dawk li jaħdmu maż- żgħażaġh u għaż-żgħażaġh, li jippermettu tagħlim effettiv bejn il-pari dwar kif iż-żgħażaġh isiru awtonomi u tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom, f'termini ta' inten- sifikazzjoni ta' diversi tipi ta' kooperazzjoni fost iż-żgħa- zaġh;
 - komunitajiet lokali fl-UE li jospitaw żgħażaġh mill-EEc u l-komunitajiet lokali fir-reġjun tal-EEc li jospitaw żgħa- zaġh mill-UE, speċjalment għall-iżvilupp tal-kompetenzi interkulturali tagħhom;
 - il-familji u l-gruppi ta' pari taż-żgħażaġh involuti fil- mobbiltà, wara r-ritorn tagħhom f'pajjiżhom, fil-kuntest tal-perċezzjonijiet tagħhom tal-UE u s-sensittività inter- kulturali;
 - is-soċjetà ċivili tal-EEc minħabba fost oħrajn, l-esper- jenza tagħhom ta' kultura ta' demokrazija u l-informazz- joni li jirċievu dwar il-prattiċitajiet tal-ħajja demokratika, kif ukoll dwar l-iżvilupp sostenibbli, u l-promozzjoni ta' valuri komuni bħall-fehim reċiproku, id-demokrazija, is- solidarjetà u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;
 - l-Ewropa kollha, bil-bini tal-kapital intelletwali li ser ikompli jiffirma u jinfluwenza lis-soċjetà ċivili.
20. L-appoġġ tal-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà miż-żgħa- zaġh, il-mobbiltà transkonfinali u l-kuntatti bejn il-persuni ser jappoġġa l-iskambjar tal-ideat, it-tifrix tal-innovazzjoni- jiet u l-bini tas-sħubiji u għalhekk jista' jiffaċilita l-bidliet fuq perijodu fit-tul, waqt li jnaqqas id-disparità bejn is-soċjeta- jiet;
21. L-appoġġ fit-tweqqi ta' għodod ta' informazzjoni ta' kwalità, l-iskambju ta' Prattika tajba bejn l-UE u l-EEc, u l-iżgurar ta' aċċess għall-informazzjoni dwar organizzazz- jonijiet sħab affidabbli jgħinu biex jissaħħaħ in-netwerking, tiġi approfondita l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fl-UE u fl-EEc u tiġi żgurata s-sikurezza tal-parteċipanti involuti f'din il-kooperazzjoni; iċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO (Appoġġ għal Tagħlim Avvanzat u Oppor- tunitajiet ta' Taħriġ) u l-Eurodesk kienu netwerk importanti ta' appoġġ f'dan ir-rigward;
22. L-iżvilupp u l-promozzjoni ulterjuri ta' attivitajiet volontarji, il-ħidma taż-żgħażaġh u l-intraprenditorija għandhom il- potenzjal li jkollhom influwenza pożittiva fuq l-impjegab- biltà taż-żgħażaġh u li jiffaċilitaw l-involvement attiv tagħhom fis-soċjetà;
23. Minħabba l-fatt li d-distanza ġeografika, f'xi każijiet, tista' tkun ostakolu għall-kooperazzjoni u l-mobbiltà, il-potenzjal tal-mobbiltà virtwali fl-iżgurar tal-aċċess għall-informazz- joni u l-iskambju tagħha rigward il-parteċipazzjoni taż- żgħażaġh u l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh għandu jiġi żviluppat aktar;
24. Mobbiltà u kooperazzjoni akbar jiddependu ħafna mill-inte- ress dwar u l-għarfien tal-pajjiż sieħeb u, b'mod partikolari, il-kultura taż-żgħażaġh tiegħu inġenerali; sabiex jiżdiedu dan l-interess u l-livell ta' għarfien, huwa ta' importanza speċjali li l-kultura tiġi ppreżentata u promossa biex iż- żgħażaġh jiġu motivati jikkooperaw ma' xulxin;
25. In-nuqqas ta' ħilijiet lingwistiċi fost iż-żgħażaġh jista' jkun ostaklu konsiderevoli għall-komunikazzjoni. Ir-rwol tal- programmi Ewropej edukattivi u għaż-żgħażaġh hu waħda mill-ħafna rotot biex jiżdiedu l-ħilijiet lingwistiċi tagħhom u l-promozzjoni tat-tagħlim ta' lingwi barranin għandha tiġi appoġġata;
26. L-aċċess aktar faċli għaż-żgħażaġh minn barra l-UE, b'mod partikolari mill-EEc, jista' jsir possibbli pereżempju permezz tal-ftehimiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viża, li huma waħda mill-aktar għodod effiċjenti biex tingħata spinta lill- mobbiltà inġenerali;
27. L-esperjenza u l-kompetenza tal-Kunsill tal-Ewropa fil- kooperazzjoni mal-EEc jagħmluh sieħeb importanti fl-impli- mentazzjoni ta' attivitajiet li jinvolvu liż-żgħażaġh mill-EEc u s-sħubija taż-żgħażaġh tal-Unjoni Ewropea — Kunsill tal- Ewropa kienet għodda siewja, li trawwem sinerġiji bejn l- Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa f'dan ir-rigward;
28. Il-programmi u l-istrumenti eżistenti li jappoġġaw il- mobbiltà, prinċipalment fl-Unjoni Ewropea, jistgħu jissaħħu u jitwessgħu għal dawk iż-żgħażaġh, il-volontiera, il- ħaddiema u għal persuni oħra li jaħdmu maż-żgħażaġh mill-EEc jew li jixtiequ jikkooperaw ma' dawk il-pajjiżi; dan jirreferi partikolarment għall-programm "Żgħażaġħ f'Azzjoni", il-programm "Tagħlim tul il-Ħajja", is-sħubija taż-żgħażaġh UE-CoE inkluż iċ-Ċentru Ewropew tal-Għar- fien tal-Politika dwar iż-żgħażaġh, in-netwerk taċ-Ċentri tar- Riżorsi tas-SALTO (Appoġġ għal Tagħlim Avvanzat u Oppor- tunitajiet tat-Taħriġ), l-Eurodesk u l-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ;

29. Il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-livelli kollha, fl-attivitatijiet tagħhom, jista' wkoll ikollhom rwol kruċjali billi jirrappreżentaw u jippromwovu l-ħtiġijiet u l-interessi taż-żgħażaġh fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn iż-żgħażaġh mill-pajjiżi tal-UE u l-pari tagħhom mill-EEc;

30. L-esperjenza miksuba f'kooperazzjoni ma' reġjuni ġirien oħrajn għandha tintuża biex tingħata forma lill-għodod għall-kooperazzjoni taż-żgħażaġh mal-EEc;

GĦALHEKK JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI EWROPEA FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM, SABIEX:

31. Jippromwovu l-iskambji bejn iż-żgħażaġh u l-programmi ta' mobbiltà taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, inklużi l-volontiera, ir-riċerkaturi dwar il-ħaddiema żgħażaġh u dawk li jaħdmu maż-żgħażaġh tal-pajjiżi tal-UE u dawk ġirien, speċjalment mill-EEc, billi jikkondividu Prattiki tajba ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażaġh, sabiex kull persuna żaġhżuġha jkun jista' jkollha opportunità ta' mobbiltà u parteċipazzjoni fl-Ewropa;

32. Inaqqsu l-ostakoli fil-mobbiltà u l-parteċipazzjoni fost oħrajn billi jippromwovu t-tagħlim tal-lingwi barranin, jappoġġaw it-twassil ta' informazzjoni ta' kwalità fdak il-qasam eċċ;

33. Jirrapportaw dwar il-qasam ta' azzjoni "Iż-Żgħażaġħ u d-Dinja" fir-Rapport dwar iż-Żgħażaġħ 2012 u r-Rapporti tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ sussegwenti;

34. Jeżaminaw ir-riżultati tal-istudju dwar "Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa", li ser jiġu finalizzati fl-2012 b'fokus speċjali fuq l-implikazzjonijiet possibbli tagħha għaż-żgħażaġh tal-UE u l-EEc kif ukoll jikkondividu l-eżiti ta' riċerka rigward iż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni tagħhom sabiex jiżdied l-għarfien dwar iż-żgħażaġh;

35. Jikkunsidraw li jkomplu jorganizzaw l-iskambji ta' Prattiki tajba fil-qasam tal-linji ta' politika dwar iż-żgħażaġh bejn il-pajjiżi tal-EEc u tal-UE f'kooperazzjoni mal-Kunsill

tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bil-ħsieb li jiġu promossi l-parteċipazzjoni u l-mobbiltà taż-żgħażaġh;

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

36. Jipparteċipaw b'mod attiv fil-Pjattaformi Multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant, speċjalment il-Pjattaforma 4, "Kuntatti bejn il-persuni", li fiha jista' jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-inizjattivi għaż-żgħażaġh;

37. Jirrinforzaw il-kooperazzjoni transettorjali bejn l-oqsma ta' politika differenti u l-awtoritajiet rilevanti biex ikomplu jirriflettu fuq l-ostakoli għall-mobbiltà reċiproka taż-żgħażaġh minn pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, pereżempju billi jsibu modi possibbli biex jiġi faċilitat il-ħruġ tal-viżi għaż-żgħażaġh mill-EEc, meta u fejn adatt;

38. Jieħdu vantaġġ mill-kooperazzjoni ma' strutturi ta' informazzjoni dwar iż-żgħażaġh bħall-Eurodesk u l-Aġenzija Ewropea għall-Għoti ta' Informazzjoni u Pariri liż-Żgħażaġħ (ERYICA) u jagħmlu użu miċ-Ċentru Ewropew tal-Għarfien għall-Politika dwar iż-Żgħażaġħ (EKCYF) biex jippromwovu opportunitàjiet għall-parteċipazzjoni u l-mobbiltà.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX:

39. Issostni u ssaħħa id-dimensjoni tal-Lvant fil-programmi futuri tal-UE għaż-żgħażaġh u l-edukazzjoni, mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali;

40. Tkompli trawwem il-kooperazzjoni fost iż-żgħażaġh bejn il-pajjiżi tal-UE u dawk tas-Sħubija tal-Lvant fil-qafas tal-programm għaż-żgħażaġh tas-Sħubija tal-Lvant;

41. Tadatta l-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ biex isir utli u aċċessibbli għaż-żgħażaġh kollha, mill-Ewropa kollha, inkluż l-EEc;

42. Tikkunsidra li tiżviluppa l-inizjattiva tal-kard Ewropea "Żgħażaġħ f'Azzjoni" fil-limiti ta' kompetenza tagħha, biex jiġu inklużi żgħażaġh mill-Ewropa kollha, inkluż l-EEc.

ANNEX

Sfond politiku

- Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju
 - Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni ta' Ċittadinanza Attiva (2011) (2010/37/KE).
 - Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm "Żgħażaġħ f'Azzjoni" għall-perijodu 2007-2013.
 - Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (23/24 ta' Ġunju 2011), EUCO 23/11.
 - Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018) (ĠU C 311, 19.12.2009).
 - Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 14825/08 tat-18 ta' Novembru 2008 li tippromwovi l-mobbiltà ta' voluntieri żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea kollha.
 - Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-inizjattiva "Żgħażaġħ f'Azzjoni" — approċċ integrat b'rispons għall-isfidi li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh (2010/C 326/05).
 - Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 "Żgħażaġħ f'Azzjoni" — il-promozzjoni tal-mobbiltà fit-tagħlim taż-żgħażaġh (2011/C 199/01).
 - Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2011 dwar l-inkoraġġiment ta' forum ġodda u effettivi ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh kollha fil-ħajja demokratika fl-Ewropa (2011/C 169/01).
 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msejħa EWROPA 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, COM(2010) 2020.
 - Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea, "Rispons Ġdid għal Viċinat li Qed Jinbidel — Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat", COM(2011)303.
 - Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2008 bl-isem "Is-Sħubija tal-Lvant" (COM(2008)0823).
 - Komunikazzjoni Konġunta lill-Kunsill Ewropew, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Sħubija għad-Demokrazija U l-Posperità Komuni mal-Mediterran tan-Nofsinhar (COM(2011)200).
-

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tat-tfal fid-dinja diġitali

(2011/C 372/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR l-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet,

JILQA' B'INTERESS:

— Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 dwar il-protezzjoni tal-minorenni u d-dinjità tal-bniedem u tar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-minorenni u d-dinjità tal-bniedem ⁽¹⁾ u dwar id-dritt ta' tweġiba fir-rigward tal-kompetittività tal-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u tal-informazzjoni online ⁽²⁾ - NIPPROTEĠU LIT-TFAL FID-DINJA DIĠITALI ⁽³⁾; u b'mod partikolari l-fatt li r-rapport jindirizza l-isfidi attwali għall-protezzjoni tal-minorenni fil-media online u diġitali;

JIEĦU NOTA TA':

— il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ⁽⁴⁾;

JISSOTTOLINJA LI:

1. sabiex jiġu massimizzati l-opportunitajiet mogħtija mill-media awdjoviżiva u l-Internet, ambjent ta' media sikur għall-minorenni hu neċessarju u għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem, is-sigurtà u r-rispett għall-ħajja privata;
2. il-litteriżmu medjatiku u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni huma għodod importanti li jistgħu jtejbu sostanzjalment il-ħiliet diġitali tat-tfal, il-ġenituri u l-għalliema u jiżviluppaw l-approċċ kritiku tagħhom għall-kontenut awdjoviżiv u online; minħabba l-bidliet rapidi fl-ambjent diġitali huwa, madankollu, importanti li jissaħħu l-isforzi f'dan ir-rigward;
3. miżuri kontra l-kontenut illegali online, bħall-pedopornografija, jinvolvu approċċi differenti minn miżuri li għandhom l-għan li jevitaw li l-minuri jkollhom kuntatt ma' kontenut dannuż online;

4. huwa importanti li l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-industrija awdjoviżiva u l-fornituri tas-servizzi online ikunu konxji kemm tal-isfidi l-ġodda għall-protezzjoni u l-għoti ta' setgħa lill-minorenni li huma marbuta mal-iżviluppi li jseħħu fil-qasam tas-servizzi awdjoviżivi u tal-informazzjoni online, kif ukoll tal-istrumenti eżistenti li jwiegħbu dawn l-isfidi;

5. filwaqt li l-promozzjoni ta' miżuri diversi immirati għall-protezzjoni u l-għoti ta' setgħa aħjar lill-minorenni ttwettqet b'mod attiv fl-Istati Membri, għad hemm tħassib persistenti li l-livell ta' protezzjoni u l-litteriżmu medjatiku miksuba mhumiex suffiċjenti b'mod ġenerali u li xi wħud minn dawn il-miżuri huma nieqsa mill-kontinwità.

JIRRIKONOXXI LI:

1. filwaqt li l-indipendenza tal-media għandha tiġi rrispettata, l-industrija tal-media għandha rwol kruċjali fis-sensibilizzazzjoni u l-protezzjoni u l-għoti ta' setgħa lill-minorenni fid-dinja diġitali;
2. l-Istati Membri għandhom approċċi differenti għall-protezzjoni tal-minorenni u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' prattiki u standards tajbin fil-media fejn l-awtoregolamentazzjoni u l-koregolamentazzjoni huma żewġ soluzzjonijiet fost bosta possibbli;
3. l-użu ta' sistemi tekniċi (bħall-filtering, sistemi ta' verifikà tal-età, għodod ta' kontroll mill-ġenituri), waqt li mhumiex infushom soluzzjonijiet, dment li jiġu applikati b'mod effiċjenti, huma mezz xieraq kif jagħtu aċċess lill-minorenni għal kontenut li huwa adegwat għall-età tagħhom;
4. is-sensibilizzazzjoni u l-litteriżmu medjatiku wrew li huma għodod importanti biex tissaħħaħ l-abilità ta' tat-tfal biex ilaħħqu mar-riskji potenzjali li jiltaqgħu magħhom fid-dinja diġitali;
5. il-Programm Internet Aktar Sigur u proġetti ffinanzjati minnu, bħall-EU Kids Online ⁽⁵⁾ u INSAFE ⁽⁶⁾, taw prova li huma siewja għas-sensibilizzazzjoni u r-riċerka;
6. siti elettroniċi ta' netwerking soċjali huma dejjem aktar popolari fost il-minorenni u jippreżentaw opportunitajiet kbar f'kuntesti privati u edukattivi, iżda jinvolvu wkoll riskji potenzjali;

⁽¹⁾ ĠU L 270, 7.10.1998, p. 48.⁽²⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 72.⁽³⁾ 14268/11 + ADD 1 - COM(2011) 556 finali, SEC(2011) 1043 finali.⁽⁴⁾ COM(2011) 665.⁽⁵⁾ www.eukidsonline.net⁽⁶⁾ Netwerk Ewropew ta' Ċentri ta' Sensibilizzazzjoni (www.saferinternet.org).

7. ittieħdu miżuri biex jiġi pprojbit kontenut illegali u jiġi indirizzat kontenut dannuż, b'mod partikolari permezz ta' impenni volontarji meħuda minn fornituri tas-servizz u tal-kontenut, u wrew li kienu wieħed mill-modi ta' suċċess kif tittejjeb is-sigurtà tal-minorenni fid-dinja diġitali;
8. il-punti ta' rappurtar għall-kontenut illegali (hotlines ⁽¹⁾) jistgħu jappoġġaw biex jiġi identifikat u segwit kontenut illegali u jistgħu jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi sabiex jinnotifikaw tali kontenut fuq l-Internet;
9. id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva fiha dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-minorenni kemm għas-servizzi tal-media awdjoviżiva lineari kif ukoll mhux lineari.

JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI, B'RISPETT DEBITU GĦAL-LIBERTÀ TAL-ESPRESSJONI, BIEX:

1. ikomplu l-ħidma għall-protezzjoni tal-minorenni billi jippromwovu l-kampanji l-użu mifruż ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jiġu indirizzati t-tfal, il-ġenituri, l-għalliema u oħrajn li jaħdmu mat-tfal, u billi jippromwovu l-konsistenza fit-tagħlim tas-sikurezza online u l-litteriżmu medjatiċu fl-iskejjel kif ukoll fl-edukazzjoni tat-tfal iż-żgħar u l-istituzzjonijiet tal-kura;
2. jinkoraġġixxu l-fornituri tal-kontenut tal-media online, il-fornituri tas-servizzi tal-internet, is-siti ta' netwerking soċjali u l-fora ta' diskussjonijiet online biex jittieħed kont sħiħ tal-protezzjoni tal-minorenni fit-tfassil tas-servizzi tagħhom u biex jiżviluppaw u jaderixxu ma' kodiċijiet ta' kondotta rilevanti;
3. jinkoraġġixxu l-iżviluppi u t-tikkettar ta' u l-aċċess ta' kontenut ta' kwalità u adatt għall-minorenni;
4. jinkoraġġixxu l-użu ta' għodod teknoloġiċi adatti għall-protezzjoni tal-minorenni (eż. muturi ta' riċerka dedikati, kontroll tal-ġenituri) u jiżguraw li dawk l-għodod huma disponibbli b'mod wiesa' u faċli għall-utenti;
5. jissorveljaw il-miżuri eżistenti kontra kontenut illegali u dannuż sabiex tkun żgurata l-effettività tagħhom;
6. jinkoraġġixxu applikazzjoni usa' u aktar frekwenti ta' sistemi ta' awtoregolazzjoni tal-gradazzjoni tal-età (bħall-PEGI u l-PEGI online) għal-logħob tal-kompjuter online u offline u infurzar aħjar tal-gradazzjonijiet tal-età jkunu infurzati aħjar fis-suq tal-konsumaturi sabiex jiġi evitat bejgħ "taħt l-età" ta' logħob tal-kompjuter online u offline;
7. isaħħu l-kooperazzjoni rigward kontenut online illegali u dannuż tal-Internet li joriġina fi Stati Membri oħra u minn barra l-UE, pereżempju permezz ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi fil-każ ta' kontenut illegali u permezz ta' skambju tal-aħjar prattiki fil-każ ta' kontenut dannuż;
8. ikomplu jimplementaw hotlines għar-rappurtar ta' kontenut illegali online sal-2013 ⁽²⁾, itejbu l-effiċjenza, pereżempju billi jappoġġaw l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar interazzjonijiet mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, jagħmluhom aktar magħrufa u faċilment aktar aċċessibbli għall-utenti tal-Internet u jissorveljawhom mill-qrib.

JINKORAĠĠIXXI LILL-PARTIJET INTERESSATI BIEX:

1. ikomplu jinvolvu l-utenti u, fejn adatt, l-awtoritajiet pubbliċi fil-proċess ta' thejjiġa jew reviżjoni ta' miżuri awtoregulatorji (kodiċi ta' kondotta) mill-industrija awdjoviżiva u l-ISPs u fil-monitoraġġ ta' miżuri bħal dawn;
2. jissotoskrivu għal linji gwida bħall-"Prinċipji ta' Netwerking Soċjali Iktar Sikur għall-UE", jimplementawhom konsistentement u jissorveljaw l-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll jiżguraw użu aktar mifruż tal-parametri għat-tutela ta' data privata ("privacy by default") għat-tfal li jissieħbu f'sit ta' netwerking soċjali sabiex tiġi protetta s-sigurtà tal-minorenni;
3. ikomplu jiżviluppaw u jimplementaw skemi awtoregulatorji li jieħdu kont sħiħ tal-protezzjoni tal-minorenni fit-tfassil tas-servizzi tagħhom u fl-għodod li jagħmlu disponibbli għall-utenti, u jiżviluppaw, jimxu ma' u jimplementaw kodiċi ta' kondotta għall-protezzjoni tal-minorenni;
4. jiżviluppaw kodiċi ta' kondotta Pan-Ewropew dwar il-bejgħ ta' logħob tal-kompjuter lill-minorenni, waqt li jirrispettaw bis-sħiħ ir-regolamenti nazzjonali f'dan il-qasam.

JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

1. tibni fuq finanzjament u azzjonijiet li għaddejjin fil-qasam imwettqa prinċipalment permezz tal-Programm Internet Aktar Sigur, sabiex toħloq l-infrastruttura u s-servizzi adatti fil-livell Ewropew għall-kondiviżjoni ta' riżorsi u għodod li jipproteġu lill-minorenni u jagħtu s-setgħa lit-tfal, il-ġenituri, l-għalliema u persuni oħra inkarigati biex jieħdu ħsiebhom sabiex jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-ġodda b'sigurtà u responsabbiltà;
2. tikkunsidra li tidħol fi djalogu mal-partijiet interessati u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri dwar kif għandu jiġi segwit ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-1998 u l-2006 f'dan il-qasam;
3. tagħmel użu mis-sejbiet tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-minorenni mill-1998 u l-2006 fil-kuntest tal-inizjattivi futuri marbuta mal-protezzjoni tal-minorenni, b'mod partikolari fil-qasam tal-media fuq l-internet;

⁽¹⁾ Bħal INHOPE (l-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Hotlines tal-Internet).

⁽²⁾ Azzjoni 40 tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX:

1. jappoġġaw lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex itejbu l-proċeduri għall-identifikazzjoni, notifika u t-tneħħija ta' webpages li fihom jew li jxerrdu l-pedopornografija billi jipprovdru, fejn adatt, finanzjament u riżorsi umani adegwati u jħarrġu lill-persunal⁽¹⁾;
2. ifittxu li jinftiehem aħjar l-impatt pożittiv u negattiv tal-użu tal-media fuq l-internet u dik diġitali, inkluż il-logħob tal-kompjuter, fuq it-tfal permezz ta' sħarriġ u riċerka;
3. jippromwovu s-sensibilizzazzjoni u t-tagħlim tas-sikurezza online fl-iskejjel kif ukoll ukoll fl-edukazzjoni tat-tfal iż-żgħar u l-istituzzjonijiet tal-kura;
4. jippromwovu l-litteriżmu medjatiku u l-kompetenza ewlenija għal tagħlim tul il-ħajja "kompetenza diġitali"⁽²⁾ kemm ġo l-iskejjel u kif ukoll barra;
5. jaġġornaw il-ħidma u jsaħħu l-implimentazzjoni tal-linji gwida għal kontenut ta' kwalità għat-tfal fuq l-internet fil-qafas tas-sħubijiet pubbliċi-privati kif ukoll permezz tal-promozzjoni ta' attivitajiet ta' litteriżmu medjatiku;
6. iħeġġu konsistenza akbar fl-Ewropa kollha fis-sistemi ta' gradazzjoni tal-età u klassifikazzjoni tal-kontenut użati mill-Istati Membri, filwaqt li jippermettu differenzi ta' bażi kulturali bejn l-Istati Membri;

⁽¹⁾ Ara l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI [PE-CONS 51/11].

⁽²⁾ Ara r-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja.

ANNEX

Kuntest politiku

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill ifakkar b'mod partikolari f'dan li ġej:

- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2010 "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" ⁽¹⁾ li tissottolinja li t-"tisħiħ tas-sikurezza fis-soċjetà diġitali huwa responsabbiltà ta' kulħadd – sew tal-individwi kif ukoll tal-korpi privati u pubbliċi, kemm id-dar kif ukoll globalment" u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2010 dwar l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa ⁽²⁾;
- id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) ⁽³⁾;
- il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-22 ta' April 2008 dwar il-ħarsien tal-konsumaturi, b'mod speċjali dawk ta' taħt l-età, fir-rigward tal-użu ta' loġhob tal-kompjuter ⁽⁴⁾;
- id-Deċiżjoni Nru 1351/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni ⁽⁵⁾;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar il-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali ⁽⁶⁾ li fihom il-Kunsill wieġeb għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Awwissu 2009 dwar il-litteriżmu medjatiku fl-ambjent diġitali għal industrija awdjoviżiva u tal-kontenut aktar kompetittiva u soċjetà tal-għarfien inklussiva ⁽⁷⁾;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar approċċ Ewropew għal-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali ⁽⁸⁾;
- il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2007 "Approċċ Ewropew għal-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali" ⁽⁹⁾.

⁽¹⁾ 9981/1/10 - COM(2010) 245 finali/2.

⁽²⁾ Dok. 10130/10.

⁽³⁾ ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

⁽⁴⁾ 8805/08 - COM(2008) 207 finali.

⁽⁵⁾ ĠU L 348, 24.12.2008, p. 118.

⁽⁶⁾ ĠU L 301, 11.12.2009, p. 12.

⁽⁷⁾ ĠU L 227, 29.8.2009, p. 9.

⁽⁸⁾ ĠU C 140, 6.6.2008, p. 8.

⁽⁹⁾ COM(2007) 833 finali.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kompetenzi kulturali u kreattivi u r-rwol tagħhom fil-bini tal-kapital intellettuali tal-Ewropa

(2011/C 372/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WAQT LI JFAKKAR:

- fir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ⁽¹⁾,
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar Kompetenzi Interkulturali ⁽²⁾,
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar il-promozzjoni ta' Ġenerazzjoni Kreattiva: fl-iżvilupp tal-kreattività u l-kapaċità innovattiva tat-tfal u ż-żgħażaġħ permezz tal-espressjoni kulturali u l-aċċess għall-kultura ⁽³⁾,
- fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjeggi ⁽⁴⁾, speċjalment it-8 linja gwida,
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni": Inħaffu t-trasformazzjoni tal-Ewropa permezz tal-innovazzjoni f'dinja li qed tinbidel malajr (2010) ⁽⁵⁾,
- fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel ⁽⁶⁾,
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-kultura għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 (2011) ⁽⁷⁾,
- fil-kuntest politiku ulterjuri kif stabbilit fl-Anness I għal dawn il-konklużjonijiet kif ukoll l-aħjar Prattiki u Evidenza ppreżentati waqt il-konferenza "Kompetenzi fil-Kultura" (Varsavja, 18-20 ta' Lulju 2011) ⁽⁸⁾.

JIKKUNSIDRA LI:

il-kompetenzi kulturali u kreattivi jinkludu l-kompetenza ewlenija tal-għarfien u l-espressjoni kulturali ⁽⁹⁾ u l-kompetenzi interkulturali ⁽¹⁰⁾.

JISSOTTOLINJA LI:

- il-kompetenzi kulturali u kreattivi jinkludu abbiltà li tinkiseb, tintuża u jsir tibdil fil-kultura u huma għalhekk ta' importanza vitali sabiex il-kulturi diversi fl-Ewropa jiffjorixxu, u sabiex ir-rikkezzi tagħhom jiġu ppreservati u protetti;
- il-kompetenza ewlenija tal-għarfien u l-espressjoni kulturali għandha dimensjoni importanti fit-tagħlim tul il-ħajja, bħala kompetenza trasversali importanti, hija kruċjali għall-akkwiżizzjoni ta' kompetenzi ewlenin oħrajn għat-tagħlim tul il-ħajja;
- il-kompetenzi kulturali u kreattivi huma appoġġati minn diversi programmi u inizjattivi fl-Istati Membri, u dawn il-programmi jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi tal-politiki tad-diversi politiċi;
- madankollu, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transsettorjali hemm il-ħtieġa li jinħolqu kondizzjonijiet qafas aktar favorevoli għall-iżvilupp ta' sħubiji kreattivi aktar effettivi ⁽¹¹⁾.

JAQBEL LI l-kompetenzi kulturali u kreattivi huma bażi għall-kreattività u l-innovazzjoni, li min-naħa tagħha tagħti spinta għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Dan huwa minħabba l-fatt li dawn il-kompetenzi jistgħu jikkontribwixxu għal:

- il-bini tal-kapital intellettuali ⁽¹²⁾ li huwa dejjem aktar rikonoxxut bħala sors ġdid ta' tkabbir u kompetittività fl-Ewropa;

⁽¹⁾ ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.

⁽²⁾ ĠU C 141, 7.6.2008, p. 14.

⁽³⁾ ĠU C 301, 11.12.2009, p. 9.

⁽⁴⁾ ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46.

⁽⁵⁾ 17165/10.

⁽⁶⁾ ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU C 175, 15.6.2011, p. 1.

⁽⁸⁾ <http://competencesinculture.pl/en/>

⁽⁹⁾ "Apprezzament tal-importanza tal-espressjoni kreattiva tal-ideat, l-esperjenzi u l-emozzjonijiet ffirxa ta' midja li tinkludi l-mużika, ir-reċtar, il-letteratura u l-arti viżwali." Ir-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE dwar kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja tispeċifika aktar l-għarfien essenzjali, il-ħiliet u l-attitudnijiet relatati ma' din il-kompetenza.

⁽¹⁰⁾ "L-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet ta' relevanza partikolari għall-kompetenzi interkulturali huma dawk relatati mal-kompetenzi ewlenin li ġejjin: komunikazzjoni f'isna barranin, kompetenzi soċjali u ċiviċi u kuxjenza u espressjoni kulturali." (Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar Kompetenzi Interkulturali).

⁽¹¹⁾ "Sħubiji Kreattivi bejn il-kultura u setturi bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, in-negozju, ir-riċerka jew is-settur pubbliku, jippermettu t-trasferiment ta' ħiliet kreattivi mis-settur kulturali lejn setturi oħrajn." (Sors: Konklużjonijiet dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2011-2014.)

⁽¹²⁾ Il-kapital intellettuali jista' jiġi definit bħala l-assjett tal-assi intanġibbli ta' persuni, intrapriżi, komunitajiet, reġjuni u istituzzjonijiet, li, jekk jintużaw b'mod adatt, jistgħu jkunu s-sors tal-benesseri preżenti u futur tal-pajjiż. Il-kapital intellettuali hu magħmul minn kapital soċjali, uman, relazzjonali u strutturali.

- il-forom kollha tal-innovazzjoni, prinċipalment l-innovazzjoni mhux teknoloġika u dik soċjali⁽¹⁾ permezz tal-impatt tagħhom fuq il-produzzjoni u d-domanda, u fuq it-tfassil, il-produzzjoni u s-suċċess fis-suq ta' prodotti u servizzi innovattivi;
- l-iżvilupp - u l-immassimizzar tal-effetti sekondarji - tal-industriji kulturali u kreattivi peress li huma integrati fil-kompetenzi tal-artisti u l-ħallieqa kif ukoll tal-udjenzi u l-konsumaturi;
- l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tnejn għal impjegati inkluż dawk li jirrikjedu kwalifiki għoljin u hilit soċjali, għall-impjegabbiltà fl-istadij rilevanti kollha tal-ħajja u għall-funzjonament u l-iżvilupp effettiv tal-kumpanniji;
- livell aħjar ta' kisba edukattiva ġenerali, tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskejjel u titjib tal-prospetti għall-inklużjoni soċjali minħabba li għandhom impatti importanti fuq il-motivazzjoni u s-soċjalizzazzjoni u jippermettu lill-istudenti biex jiskopru u jiżviluppaw it-talenti tagħhom.
- fil-kisba tal-miri tal-linji ta' politika dwar l-edukazzjoni fit-tfulija u l-kura,
- fit-titjib tal-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni ta' gruppi fil-mira differenti,
- fil-iżvilupp ta' attitudnijiet li għandhom impatt pożittiv fuq il-ħajja soċjali u professjonali, li jikkontribwixxu għall-kwalità tal-ħajja, li jtejbha l-prospetti għall-inklużjoni soċjali u li jipromwovu stili ta' ħajja sostenibbli;
- jieħdu azzjoni, fil-livell l-aktar adatt, bil-għan li jinħolqu sħubiji kreattivi mmirati lejn l-iżvilupp tal-kompetenzi kulturali u kreattivi;
- jindirizzaw kwistjonijiet dwar l-iżvilupp soċjali u ekonomiku billi jesploraw aħjar il-metodoloġija użata mill-programmi fit-tul stabbiliti b'entitajiet kulturali u edukattivi kif ukoll l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, inkluż fl-oqfsa sperimentali edukattivi immirati biex isaħħu l-faxxinu tal-iskejjel u jsaħħu l-motivazzjoni tal-istudenti;

JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

- iżidu l-għarfien u r-rikonoxximent ta' azzjoni rilevanti u jiddisseminaw l-aħjar prattika fost dawk li jfasslu l-politika, l-entitajiet kulturali u edukattivi, l-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali dwar ir-rwol li l-iżvilupp ta' kompetenzi kulturali u kreattivi - speċjalment il-kompetenza ewlenin tal-għarfien u l-espressjoni kulturali - jista' jkollhom, b'mod partikolari:
- fl-akkwist ta' kompetenzi ewlenin oħrajn għat-tagħlim tul il-ħajja,
- fit-tnaqqis fit-tluq bikri mill-iskola,
- fit-tisħiħ tal-impjegabbiltà u l-produttività f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja,
- fit-twettiq tal-oġġettivi tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ('ET 2020'), b'mod partikolari r-raba' oġġettiv strateġiku⁽²⁾ tiegħu,
- fil-promozzjoni tal-kreattività u l-innovazzjoni, speċjalment l-innovazzjoni mhux teknoloġika,
- fit-tfassil ta' politiki effettivi dwar iż-żgħażaġh,

JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI:

- meta tkun qed timplimenta l-azzjonijiet u l-programmi attwali u futuri tagħha mingħajr preġudizzju għad-diskussjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali futur, biex:
- tappoġġa sħubiji kreattivi mfasslin biex jagħtu spinta lill-kompetenzi kulturali u kreattivi;
- tieħu kont tal-ħtiġijiet speċifiċi u l-importanza tal-appoġġ għan-negozji ż-żgħar u l-mikrokumpanniji kulturali u kreattivi, speċjalment dawk li għandhom kif ġew stabbiliti u dawk immexxjin minn intraprendituri żgħażaġh;
- iżżid l-appoġġ għall-mobbiltà u t-taħriġ transkonfinali (u t-taħriġ għal min iħarreġ) dwar l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn il-kultura u l-edukazzjoni għall-artisti, l-għalliema, il-ħaddiema li jaħdmu maż-żgħażaġh, il-mexxejja taż-żgħażaġh u l-voluntiera;
- regolarment tipprovdi informazzjoni dwar ir-riċerka u l-istudji rilevanti għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-kultura mmexxija taħt il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE;
- filwaqt li timplimenta l-inizjattiva ewlenija "Unjoni tal-Innovazzjoni", inkluż il-Forum Ewropew dwar l-Attivitajiet li Jħarsu l'Quddiem, biex tieħu kont tal-kompetenzi kulturali u kreattivi bħala fattur fl-isfidi soċjali attwali, l-iżvilupp tal-kapital intellettwali tal-Ewropa u l-innovazzjoni soċjali;

⁽¹⁾ "L-innovazzjoni Soċjali huwa l-każ li tkun sfruttata l-inġenwità tal-karitatiet, l-assoċjazzjonijiet u l-impredituri soċjali biex jinstabu modi ġodda biex jintlaħqu l-ħtiġijiet soċjali li mhumiex sodisfatti b'mod adegwat mis-suq jew mis-settur pubbliku biex jinkisbu bidliet fl-imġiba li huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali l-kbar." (Sors: Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-inizjattiva ewlenija "Unjoni tal-Innovazzjoni".)

⁽²⁾ Oġġettiv strateġiku 4: It-tisħiħ tal-innovazzjoni u l-kreattività, inkluża l-intraprenditorija, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

— taħdem mal-Istati Membri biex teżamina kif ittejjeb l-indikaturi eżistenti dwar l-edukazzjoni filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għall-oqsma tal-kreattività, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija ⁽¹⁾;

sabiex issaħħaħ l-iżvilupp tal-kompetenzi kulturali u kreattivi u l-effetti pożittivi tagħhom.

JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FL-ISFERI RISPETTIVI TAGĦHOM u mingħajr preġudizzju għad-diskussjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali futur, biex:

— itejbu l-inklużjoni u r-rikonoxximent tal-potenzjal tal-għarfen u l-espressjoni kulturali fit-tagħlim tul il-ħajja, il-linji ta' politika u l-programmi dwar iż-żgħażaġh, inkluża ħidma dwar rikonoxximent aħjar ta' tali kompetenzi miksubin permezz ta' tagħlim mhux informali u informali;

— jagħtu aktar prijorità lit-tagħlim interkulturali u s-sħubiji kreattivi fil-kooperazzjoni tagħhom ma' pajjiżi terzi, speċjalment fi programmi għaż-żgħażaġh;

— jagħmlu użu sħiħ tan-netwerks tal-informazzjoni eżistenti biex jipprovdu informazzjoni aħjar dwar l-attivajiet ta' suċċess li jiżviluppaw il-kompetenzi kulturali u kreattivi taż-żgħażaġh;

— jilqgħu l-kontribut tal-kompetenzi kulturali u kreattivi bħala bażi għall-impjiegi sostenibbli u l-innovazzjoni soċjali sabiex isir użu sħiħ tal-possibiltajiet offruti mill-inizjattiva ewlenija "Unjoni Innovattiva" u l-Fond Soċjali Ewropew;

— fejn adegwat, ikomplu jsaħħu l-infrastruttura kulturali ⁽²⁾ billi jinvestu fiha, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali;

— iwettqu aktar riċerka biex jeżaminaw l-impatti potenzjali u attwali tal-kompetenzi kulturali u kreattivi fuq il-kwistjonijiet ta' politika imsemmija fl-ewwel inċiż taħt "Jistieden lill-Istati Membri biex";

— jiżguraw li l-gruppi esperti fil-qasam tal-kultura, l-edukazzjoni u oħra, inklużi l-gruppi tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK), jieħdu l-miżuri elenkati fl-Anness II għal dawk il-konklużjonijiet;

— jikkontribwixxu fir-rappurtaġġ dwar il-progress tal-MMK fir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ tal-2012 li jevalwa l-ewwel tliet snin taċ-ċiklu ta' ħidma tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ, u rapporti sussegwenti fil-qasam ta' azzjoni "Kreattività u Kultura";

— jiskambjaw informazzjoni dwar l-impatt attwali ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, inkluż fil-qasam tar-rapport finali dwar ir-riżultati tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2011-2014.

⁽¹⁾ Ara l-paġna 6, paragrafu 4 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

⁽²⁾ L-infrastruttura kulturali, fid-dimensjoni fiżika u diġitali, hija bażi materjali għall-parteċipazzjoni u l-attività kulturali. Eżempji jinkludu galleriji, mużewijiet, teatri, ċentri kulturali, libreriji, spazji bi skopijiet multipli kif ukoll l-ekwivalenti virtwali tagħhom fl-ambjent diġitali.

ANNEX I

Kuntest politiku ulterjuri:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") ⁽¹⁾,
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 dwar linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni ⁽²⁾ speċjalment ir-4 linja gwida,
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2011-2014 ⁽³⁾,
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-aċċess taż-żgħażaġh għall-kultura ⁽⁴⁾,
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2008 dwar l-istrateġija Ewropea għall-multilingwiżmu ⁽⁵⁾;
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar il-Kultura bħala Katalista għall-Kreattività u l-Innovazzjoni ⁽⁶⁾
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018) ⁽⁷⁾,
- Rapport Finali tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-iżvilupp ta' sinerġiji mal-edukazzjoni, b'mod partikolari l-edukazzjoni artistika u l-kultura ⁽⁸⁾,
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 – Unjoni tal-Innovazzjoni ⁽⁹⁾,
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Aġenda għall-Filiet Ġodda u Impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi ⁽¹⁰⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

⁽²⁾ ĠU L 191, 23.7.2010, p. 28.

⁽³⁾ ĠU C 325, 2.12.2010, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 326, 3.12.2010, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU C 320, 16.12.2008, p. 1.

⁽⁶⁾ Dok. 8749/1/09 REV 1.

⁽⁷⁾ ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1.

⁽⁸⁾ http://ec.europa.eu/culture/key-documents/doc/MOCedu_final_report_en.pdf

⁽⁹⁾ 14035/10.

⁽¹⁰⁾ 17066/1/10 REV 1.

ANNEX II

Miżuri speċifiċi li ser jitwettqu fir-rigward tal-gruppi esperti, inklużi l-gruppi tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni:

- il-grupp futur tal-MMK dwar il-promozzjoni tas-sħubiji kreattivi ⁽¹⁾ jieħu kont ta' sħubiji kreattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-għarfien u l-espressjoni kulturali u l-kontribut tagħhom għas-suċċess tal-qafas ET 2020;
- il-grupp futur tal-MMK dwar l-iżvilupp ta' kompetenza ewlenija - għarfien u espressjoni kulturali ⁽²⁾ iqis dawn il-konklużjonijiet fil-kuntest tal-akkwist ta' kompetenzi ewlenin oħrajn għat-tagħlim tul il-ħajja u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola;
- iż-żewġ gruppi msemmijin hawn fuq jikkondividu r-riżultati tal-ħidma tagħhom mal-gruppi rilevanti fis-setturi l-oħra, inkluż dawk li għandhom x'jaqsmu mar-rikonoxximent tat-tagħlim informali, il-kapaċità għat-tagħlim u l-kompetenzi kreattivi, il-kompetenzi ċiviċi u ċ-ċittadinanza attiva, il-litteriżmu medjatiku, l-użu tal-ICT fl-edukazzjoni, l-edukazzjoni intraprenditorjali kif ukoll it-tluq bikri mill-iskola u l-kooperazzjoni ma' dawk il-gruppi, safejn huwa possibbli, permezz tal-iskambju ta' rapporti ta' laqgħat u laqgħat tal-presidenti;
- il-gruppi MMK rispettivi kollha huma kanali attivi għad-disseminazzjoni tar-riżultati tal-aħjar Prattika u r-riċerka rilevanti magħmula fil-livell ta' Stati Membru u tal-UE.

⁽¹⁾ Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2011-2014, prijorità C.

⁽²⁾ Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2011-2014, prijorità A.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-attivitajiet volontarji fl-isport għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva

(2011/C 372/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WAQT LI JFAKKAR:

— Id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill fil-5 ta' Mejju 2003, dwar "il-valur soċjali tal-isport għaż-żgħażgħ" ⁽¹⁾.

— Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/37/KE tas-27 ta' Novembru 2009 dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni taċ-Ċittadinanza Attiva (2011) ⁽²⁾, li tenfasizza l-oġġettivi li ġejjin:

— Naħdmu lejn ambjent li jippermetti u jiffaċilita l-volontarjat fl-UE;

— Nagħtu s-setgħa lill-organizzazzjonijiet volontarji u ntejbu l-kwalità tal-volontarjat;

— Nippremjaw u nirrikonoxxu l-attivitajiet volontarji;

— Noħolqu sensibilizzazzjoni dwar il-valur u l-importanza tal-volontarjat.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar ir-rwol tal-isport bħala sors u mutur tal-inklużjoni soċjali attiva ⁽³⁾.

— Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport" ⁽⁴⁾, u l-istudju tas-sena 2010 dwar "Il-Volontarjat fl-Unjoni Ewropea", li jagħtu xhieda ta' livell għoli ħafna ta' diversità fil-volontarjat fl-isport madwar l-UE u li jiffukaw fuq l-arranġamenti legali u s-sorsi ta' finanzjament f'dan il-qasam, jiġbdu wkoll l-attenzjoni għall-ħtieġa tat-taħriġ tal-voluntiera.

— Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat: "Ir-Rikonoxximent u l-Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali" ⁽⁵⁾.

— Ir-Riżoluzzjoni tal-20 ta' Mejju 2011 tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport għall-2011-2014 ⁽⁶⁾.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2011 dwar ir-rwol ta' attivitajiet volontarji fil-politika soċjali ⁽⁷⁾.

— Il-Konferenza ta' Esperti "Mill-Volontarjat għat-Tmexxija fl-Isport", li nżammet f'Varsavja, il-Polonja fit-13-14 ta' Settembru 2011, u matulha nġatatt attenzjoni speċjali lill-kwistjonijiet li ġejjin:

— Il-legat, il-wirt u l-esperjenza ta' avvenimenti sportivi kbar u kif huma jistgħu jiġu sfruttati suċċessivament fl-attivitajiet volontarji ta' kuljum fl-isport;

— Il-possibbiltajiet li jsir użu minn gruppi ta' voluntiera li diġà jeżistu fil-proċess ta' reklutaġġ għal avvenimenti sportivi li ġejjin;

— Il-ħtieġa li jiġu appoġġati r-rikonoxximent u l-validazzjoni ta' attivitajiet volontarji fl-isport;

— Il-ħtieġa li t-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar Prattiki jiġu mħeġġa.

JIRRIKONOXXI LI:

1. B'kont debitu meħud tal-partikolaritajiet tas-sitwazzjoni f'kull Stat Membru u tal-forom kollha tal-volontarjat, it-terminu "attivitajiet volontarji" jirreferi għal kull xorta ta' attività volontarja, sew jekk formali, non-formali jew informali, li persuna twettaq minn rajha, b'għażla jew motivazzjoni tagħha stess, u mingħajr ħsieb ta' gwadann finanzjarju. Dawn jibbenefikaw lill-volontier individwali, lill-komunitajiet u lis-soċjetà b'mod ġenerali. Huma wkoll strument li jippermetti lil individwi u assoċjazzjonijiet jindirizzaw il-ħtiġijiet u t-tħassib umani, soċjali, interġenerazzjonali jew ambjentali, u spiss jitwettqu b'appoġġ għal organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ jew inizjattiva bbażata fuq il-komunità ⁽⁸⁾;

⁽¹⁾ ĠU C 134, 7.6.2003, p. 5.

⁽²⁾ ĠU L 17, 22.01.2010, p. 43.

⁽³⁾ ĠU C 326, 03.12.2010, p. 5.

⁽⁴⁾ COM(2011) 12 finali.

⁽⁵⁾ COM(2011) 568 finali

⁽⁶⁾ ĠU C 162, 1.6.2011, p 1.

⁽⁷⁾ Dok. 14061/1/11 REV 1.

⁽⁸⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

2. Jeħtieġ li l-attivitajiet volontarji jkunu distinti b'mod ċar mill-impjeg imħallas u ma għandhom bl-ebda mod jieħdu postu ⁽¹⁾. Huma ma għandhomx jipperpetwaw inugwaljanzi bejn is-sessi f'impjeg imħallas u mhux imħallas u ma għandhomx jinkoraġġixxu xi tnaqqis fil-ħin tax-xogħol tal-impjegati jew l-irtirar ta' impjegati joħorġu mis-suq tax-xogħol;
3. L-attivitajiet volontarji ma jistgħux jieħdu post ir-responsabbiltà ġenerali tal-istat sabiex ikunu żgurati u jiġu pprovduti drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali;
4. Sabiex jiġi żgurat l-istat tad-dritt u r-rispett sħiħ għall-integrità tal-individwu, attivitajiet volontarji għandhom ikunu soġġetti għal-leġislazzjoni attwali u jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet u l-liberatijiet universali u fundamentali;
6. Attivitajiet volontarji fl-isport jippromwovu attitudnijiet soċjali pożittivi bbażati fuq valuri żviluppati permezz tal-isport, bħal:

- korrettezza,
- ħidma fi grupp,
- persistenza,
- responsabbiltà,
- tmexxija,
- tolleranza,

WAQT LI JIKKUNSIDRA LI:

1. L-isport huwa l-akbar moviment tas-soċjetà ċivili fl-UE. Attivitajiet u strutturi mingħajr skop ta' qligħ ibbażati fuq attivitajiet volontarji huma kundizzjoni fundamentali biex jiġi pprovdut l-isport fil-maġġoranza tal-Istati Membri.
2. L-attivitajiet volontarji fl-isport huma fost il-forom l-aktar attraenti u popolari ta' attività soċjali fl-Ewropa u jiffurmaw parti mill-wirt soċjali tal-isport. L-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi – inkluż dawk organizzati minn korpi sportivi professjonali u kummerċjali — kif ukoll l-attivitajiet ta' kuljum imwettqin fl-isport f'ħafna Stati Membri jiddependu fuq voluntiera u attivitajiet volontarji.
3. L-attivitajiet volontarji fl-isport jikkontribwixxu għal ċittadinanza attiva u għall-integrazzjoni ta' ċittadini minn ambjenti differenti billi joħlqu fehim aħjar u rispett permezz tal-lingwa universali tal-isport, kif ukoll jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-valuri u l-prinċipji bażiċi tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri: is-solidarjetà, l-iżvilupp sostenibbli, id-dinjità umana, l-ugwaljanza u s-sussidjarjetà biex b'hekk tiġi promossa l-identità Ewropea.
4. L-involvement f'attivitajiet volontarji fl-isport jipprovi hilit ġodda liċ-ċittadini, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod pożittiv, fost l-oħrajn, għall-kapaċità tagħhom għall-impjeg u t-tisħiħ tas-sens tagħhom ta' appartenenza fis-soċjetà, u jista' jkun katalizzatur għall-bidla soċjali.
5. Attivitajiet volontarji fl-isport jistgħu jikkontribwixxi għat-tkabbir u t-tisħiħ tal-kapital soċjali permezz tal-iżvilupp ta' netwerk soċjali bbażat fuq il-fiduċja u l-kooperazzjoni.
7. Is-settur tal-isport, flimkien mal-attivitajiet volontarji fl-isport, jikkostitwixxi valur ekonomiku u soċjali sinifikanti u li jista' jitkejjel fl-ekonomija nazzjonali, li għandu l-potenzjal li jstimola r-rati ta' tkabbir u ta' impieg fl-Unjoni Ewropea kollha.
8. Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-attivitajiet volontarji fl-isport issegwi l-oġġettivi tas-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat 2011 u tkompli tissodisfa l-oġġettivi tas-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali 2010 kif ukoll tikkontribwixxi għall-għanjiet tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv 2012.
9. L-attivitajiet volontarji fl-isport jistgħu jkunu ta' impetu għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' attività fiżika f'kull livell, li għib magħha titjib fil-benesseri taċ-ċittadini u tnaqqis fil-mard relatat mal-istil ta' hajar.
10. L-attivitajiet volontarji fl-isport huma sinifikanti bħala fattur li jikkontribwixxi għall-mobbiltà taċ-ċittadini permezz tal-bini ta' kompetenzi u tal-approfondiment ta' esperjenzi fattivitajiet relatati mal-isport fi Stati Membri oħra, kif ukoll fl-iżvilupp tal-identità Ewropea u tal-promozzjoni tal-valuri tal-UE lil hinn mill-fruntieri tagħha.
11. L-attivitajiet volontarji fl-isport jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali tal-Istrateġija Ewropa 2020 billi jżidu l-mobbiltà u permezz ta' attivitajiet li jsaħħu l-kapaċità għall-impjeg, li jtejb s-saħħa pubblika, u li jippromwovu l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u t-tixjiħ attiv.

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tas-16 ta' Mejju 2007 tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-oġġettivi komuni għal attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh ĠU C 241, 20.9.2008, p. 1.

FDAN IL-KUNTEST, JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE U L-PARTIJET INTERESSATI FL-ISPORT, WAQT LI JAĠIXXU FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI TAGĦHOM U WAQT LI JIKKUNSIDRAW L-AWTONOMIJA TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET SPORTIVI, BIEX:

1. Joħolqu kondizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp ta' attivitajiet volontarji fl-isport fuq il-bażi ta', b'mod partikolari:
 - l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet sportivi,
 - ir-rispett tal-awtonomija tal-organizzazzjonijiet sportivi, filwaqt li jiġi żgurat appoġġ adegwat għal dawn l-organizzazzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri,
 - il-ħtieġa li jiġi żgurat li voluntiera fl-isport jiġu offruti t-taħriġ neċessarju u li tingħatalhom l-opportunità li jgawdu l-benefiċċji tal-volontarjat b'mod sigur.
2. Jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' immaġni pożittiva tal-voluntiera fl-isport u tal-attivitajiet volontarji fl-isport.
3. Jikkunsidraw l-attivitajiet volontarji fl-isport bħala għodda importanti għat-titjib ta' kompetenzi u ħilet. Għal dan il-fini hemm il-ħtieġa li:
 - jittieħdu passi adatti sabiex jiġu identifikati l-kompetenzi u ħilet miksuba permezz ta' esperjenzi ta' taġħlim mhux formali u informali relatati ma' attivitajiet volontarji fl-isport, u jiġu studjati l-possibbiltajiet għar-rikonossiment u l-validazzjoni akbar tagħhom fil-qafas tas-sistemi tal-kwalifiki nazzjonali, b'referenza għall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK),
 - tintalab konsultazzjoni mal-moviment sportiv u l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat fit-tnejn ta' azzjoni.
4. Itheġġu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-gvern u l-organizzazzjonijiet sportivi fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew, sabiex jiġu stabbiliti netwerks biex tinstab soluzzjoni għal problemi komuni li attivitajiet volontarji isibu quddiemhom.
5. Jippromwovu attivitajiet volontarji fl-isport bħala forma ta' taġħlim mhux formali u informali bil-ħsieb li jinkisbu ħilet u kompetenzi ġodda kif ukoll li jiffurmaw parti, flimkien mal-edukazzjoni formali, minn karriera doppja għall-atletiċi.
6. Jippromwovu attivitajiet volontarji fl-isport billi, pereżempju jagħtu bidu għal kampanji pubbliċitarji biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u biex jiġu promossi attitudnijiet pożittivi lejn il-voluntiera.
7. Jużaw il-potenzjal tal-voluntiera involuti fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi fl-attivitajiet fit-tul f'kull livell sportiv.

8. Jesploraw il-valur miżjud possibbli bit-twaqqif ta' sistema ta' premjazzjoni li tirrikonoxxi l-iżjed proġetti innovattivi tal-volontarjat fil-qasam tal-isport.

IĦEĠĠEĠ LILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, WAQT LI JAĠIXXU FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI TAGĦHOM U FKONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ U WAQT LI JIEĦDU KONT TAL-ISTRUTTURA ISTITUZZJONALI TAGĦHOM, BIEX:

1. Jistinkaw biex jeliminaw ostakoli bla bżonn għall-iżvilupp tal-attivitajiet volontarji fl-isport, inklużi piżijiet amministrattivi bla bżonn.
2. Jistudjaw l-iżvilupp tal-isport ibbażat fuq attivitajiet volontarji fl-Unjoni Ewropea, inkluża r-riċerka dwar l-impatt ekonomiku u soċjali tiegħu.
3. Iwettqu skambju tal-għarfien, l-esperjenza u l-aħjar prattiki fil-qasam tal-attivitajiet volontarji fl-isport.
4. Jippromwovu l-iżvilupp tal-attivitajiet volontarji fl-isport fil-linji ta' politika u l-istrateġiji nazzjonali u Ewropej rigward l-isport u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni u l-impiegi.
5. Jesploraw il-possibbiltajiet tal-kontribut tal-attivitajiet volontarji fl-isport għal proġetti ssussidjati mill-fondi tal-UE u jiżviluppaw mekkaniżmi biex tkun tista' ssir evalwazzjoni adatta tal-attivitajiet volontarji fl-isport.
6. Jinkorporaw, fejn adatt, aspetti tal-attivitajiet tal-volontarjat fl-isport fl-attivitajiet ta' gruppi ta' għarfien espert differenti mwaqfa skont il-Pjan ta' Ffidma tal-UE għall-isport.
7. Jinkuraġġixxu l-iżvilupp ta' attivitajiet volontarji fl-isport permezz tal-kooperazzjoni intersettorjali bejn entitajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet privati u tas-soċjetà ċivili fil-oqsma tal-isport, is-saħħa, il-kultura, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u l-politika soċjali fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew.

JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

1. Tagħti attenzjoni partikolari għall-attivitajiet volontarji u għall-kapaċità ta' organizzazzjonijiet sportivi mingħajr skop ta' qligħ li jkollhom aċċess għall-programmi tal-UE tal-ġenerazzjoni li jmiss, mingħajr preġudizzju għan-negożjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali.
2. Tidentifika l-fatturi ta' suċċess, l-aħjar prattiki u s-setturi li jeħtieġilhom kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-livell tal-UE, inkluż l-ostakli attwali għall-iżvilupp tal-attivitajiet volontarji fl-isport.
3. Tevalwa, meta tippromponi leġislazzjoni ġdida tal-UE, l-impatt potenzjali tagħha fuq l-attività volontarja fl-isport.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kompetenzi lingwistiċi għat-tisħiħ tal-mobilità

(2011/C 372/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA

1. Il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Barċelona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002, li appellaw għal azzjoni ulterjuri biex tittejjeb il-kisba ta' ħiliet bażiċi, b'mod partikolari permezz tat-tagħlim ta' mill-inqas żewġ lingwi barranin minn età bikrija ħafna ⁽¹⁾.
2. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2006 dwar l-Indikatur Ewropew tal-Kompetenza Lingwistika ⁽²⁾, li affermaw mill-ġdid li l-ħiliet flingwi barranin, barra milli jgħinu biex jitrawwem fehim reċiproku bejn il-popli, huma prerekwiżit għal forza tax-xogħol mobbli u jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea.
3. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ⁽³⁾, li tinkludi l-komunikazzjoni b'lingwi barranin fost il-kompetenzi ewlenin neċessarji għal sodisfazzjon personali, ċittadinanza attiva, koeżjoni soċjali u impjegabbiltà fsoċjetà bbażata fuq l-għarfien.
4. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 Mejju 2007 dwar qafas koerenti ta' indikaturi u punti ta' riferiment għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-oġettivi ta' Lisbona fl-edukazzjoni u t-taħriġ ⁽⁴⁾, li appellaw lill-Kummissjoni biex tkompli teżamina l-iżvilupp ta' indikaturi dwar ħiliet lingwistiċi.
5. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-mobilità ta' voluntieri żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea kollha ⁽⁵⁾, li rrakkomandat li l-Istati Membri jżidu l-għarfien tal-importanza tal-kompetenzi interkulturali u t-tagħlim tal-lingwi fost iż-żgħażaġh sabiex jitnaqqsu l-ostakoli għall-mobilità transkonfinali tagħhom.
6. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2008 dwar strateġija Ewropea għall-multilingwiżmu ⁽⁶⁾, li stiednet lill-Istati Membri biex jippromwovu l-multilingwiżmu bil-ħsieb li jissaħħu l-koeżjoni soċjali, id-djalogu interkulturali u l-kostruzzjoni Ewropea, il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u l-mobilità u l-impjegabbiltà tal-poplu, kif ukoll biex jippromwovu l-lingwi tal-UE fid-dinja kollha.

7. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ "ET 2020", li identifkaw bħala prijoritajiet għall-perijodu 2009-2011 il-ħtieġa li ċ-ċittadini jkunu kapaċi jikkomunikaw f'żewġ lingwi oħrajn minbarra l-lingwa materna, il-ħtieġa li jiġi promoss it-tagħlim tal-lingwi, fejn rilevanti, fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) u għal studenti adulti, u l-ħtieġa li l-migranti jingħataw opportunitajiet biex jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti ⁽⁷⁾.
8. Ir-rapport ta' progress konġunt tal-2010 tal-Kunsill u l-Kummissjoni ⁽⁸⁾ dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010", li nnota li meħtieġ jissaħħu l-kompetenzi ewlenin fl-ETV u fit-tagħlim tal-adulti u, b'mod partikolari, li f'dawn l-oqsma għandha tingħata aktar attenzjoni lill-komunikazzjoni b'lingwi barranin.
9. L-istrateġija Ewropa 2020 adottata mill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Ġunju 2010 ⁽⁹⁾ u ż-żewġ inizjattivi ewlenin tagħha: *Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda* ⁽¹⁰⁾, li tirrikonnoxxi l-kontribut potenzjali tal-kompetenzi lingwistiċi għal suq tax-xogħol aktar dinamiku, u *Żgħażaġħ Attivi* ⁽¹¹⁾, li tenfasizza li ser ikunu meħtieġa inevitabbilment ħiliet lingwistiċi aħjar sabiex il-mobilità tkun kemm possibbli kif ukoll siewja.
10. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 ⁽¹²⁾ dwar il-promozzjoni tal-mobilità fit-tagħlim taż-żgħażaġh, li tirrikonnoxxi l-importanza tat-tagħlim tal-lingwi u l-kisba ta' kompetenzi interkulturali minn stadji bikrin tal-edukazzjoni, billi tinkoraġġixxi tħejjija lingwistika u kulturali ta' kwalità għal mobilità kemm fl-edukazzjoni ġenerali kif ukoll f'dik vokazzjonali.

WAQT LI JFAKKAR LI

Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Barċelona fl-2002 identifikat il-kompetenzi lingwistiċi bħala komponent essenzjali ta' ekonomija kompetittiva bbażata fuq l-għarfien. L-għarfien ta' lingwi barranin huwa kapaċità għall-ħajja għaċ-ċittadini kollha tal-UE, li tippermettilhom igawdu mill-benefiċċji kemm ekonomiċi kif ukoll soċjali tal-moviment liberu ġewwa l-Unjoni.

Il-forniment tal-aċċess l-aktar wiesa' possibbli għal mobilità għal kulħadd, inklużi gruppi żvantaġġati, u t-tnaqqis tal-ostakoli li baqa' għall-mobilità, jikkostitwixxu wieħed mill-oġettivi strateġiċi prinċipali tal-politika tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

⁽¹⁾ SN 100/02, l-Artikolu 44, it-tieni inċiż, p. 19.

⁽²⁾ ĠU C 172, 25.7.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU C 311, 21.12.2007, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU C 319, 13.12.2008, p. 8.

⁽⁶⁾ ĠU C 320, 16.12.2008, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

⁽⁸⁾ ĠU C 117, 6.5.2010, p. 1.

⁽⁹⁾ EUCO 13/10.

⁽¹⁰⁾ Dok. 17066/1/10 REV 1.

⁽¹¹⁾ Dok. 13729/1/10 REV 1.

⁽¹²⁾ ĠU C 199, 7.7.2011, p. 1.

Filwaqt li l-moviment liberu tal-ħaddiema ġewwa s-suq uniku tal-UE jista' jikkontribwixxi biex inaqqas id-disparità bejn il-ħiliet tal-forza tax-xogħol u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, il-mobilità professjonali u tat-tagħlim għadhom imxekkla sew b'nuqqas ta' għarfien tal-lingwi barranin.

JIRRIAFFERMA LI

Waqt li r-responsabbiltà għall-organizzazzjoni u l-kontenut tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija tal-Istati Membri individwali, il-kooperazzjoni Ewropea twestaq rwol importanti fl-identifikazzjoni tal-kompetenzi lingwistiċi li għandhom jiġu żviluppati, kif ukoll tal-metodoloġiji l-aktar effettivi u l-kondizzjonijiet l-aktar favorevoli biex isir dan.

U FID-DAWL TA'

Il-konferenza tal-Presidenza dwar *Kompetenzi Multikulturali għal Suċċess Professjonali u Soċjali fl-Ewropa* li saret f'Varsavja f'Settembru 2011, u l-konferenza tal-Ministri tal-UE inkarigati mill-edukazzjoni obligatorja li saret fi Gdańsk f'Ottubru 2011.

JINNOTA

— Il-ħidma li qed issir mill-Istati Membri fil-qafas tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, sabiex jissaħħaħ il-kontribut li l-edukazzjoni tal-lingwi tista' tagħti lit-tisħiħ tal-impjegabbiltà taż-żgħażaġh f'suq tax-xogħol fejn l-għarfien ta' lingwi barranin jista' jipprovdi vantaġġ distint.

— L-attivitajiet tal-Pjattaforma tal-Intrapriżi għall-Multilingwiżmu stabbilita mill-Kummissjoni sabiex jitravwem użu aħjar tal-kompetenzi lingwistiċi bħala mezz biex tiżdied il-kompetittività tan-negozji tal-UE, u speċjalment dik tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

— L-eżiti tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili dwar il-Multilingwiżmu rigward l-iżgurar ta' opportunitajiet tat-tagħlim tal-lingwi tul il-ħajja għal kulħadd, sabiex tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali ta' ċittadini bi sfond żvantaġġat, kif ukoll biex jiġu promossi d-diversità lingwistika u d-djalogu interkulturali.

JILQA'

— Ir-Rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2008 dwar strateġija Ewropea għall-multilingwiżmu tal-Kummissjoni, li jagħti fid-dettall l-inizjattivi li ttieħdu u l-progress li sar fil-promozzjoni tat-tagħlim tal-lingwi u d-diversità lingwistika.

— L-aġġornament tal-2011 tal-Inventarju tal-azzjonijiet tal-Komunità fil-qasam tal-multilingwiżmu, li jniżżel l-attivitajiet meħudin mis-servizzi differenti tal-Kummissjoni f'dan il-qasam matul l-aħħar tliet snin, li jenfasizza b'mod qawwi

li l-politika tal-multilingwiżmu ttejjeb l-impjegabbiltà għaċ-ċittadini tal-UE u l-kompetittività għan-negozji tal-UE.

— Il-pubblikazzjoni tal-Manwal ta' Politika Tagħlim tal-lingwi fil-livell tal-iskola ta' qabel il-primarja: *nagħmluh effiċjenti u sostenibbli* – Manwal ta' Politika, li jirrappreżenta pass 'il quddiem fit-tkabbir fis-sensibilizzazzjoni tal-importanza tat-tagħlim tal-lingwi minn età bikrija ħafna.

— Il-pubblikazzjoni tar-rapport *Nipprovd u ħiliet ta' komunikazzjoni għas-suq tax-xogħol* bħala riżultat tal-ħidma mwettqa mill-grupp ta' ħidma tematiku "Lingwi għall-impjegati" fi ħdan il-qafas "ET2020".

JAQBEL LI

1. Il-mobilità fit-tagħlim, jiġifieri l-mobilità transnazzjonali għall-iskop tal-kisba ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi ġodda, hija waħda mill-modi importanti kif iċ-ċittadini jistgħu jsaħħu l-impjegabbiltà tagħhom, il-kuxjenza interkulturali, il-kreattività u l-iżvilupp personali tagħhom, kif ukoll il-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà.

2. Il-ħila tajba fil-lingwi barranin hija kompetenza ewlenija essenzjali sabiex wieħed jirnexxi fis-suq tax-xogħol u fid-dinja moderna. Il-multilingwiżmu mhux biss huwa parti mill-wirt Ewropew iżda huwa wkoll opportunità biex tiżviluppa soċjetà miftuħa li tirrispetta d-diversità kulturali u li hija lesta għall-kooperazzjoni.

3. Il-manteniment u l-iżvilupp, bir-riżorsi disponibbli, ta' għodod u programmi Ewropej li jappoġġaw it-tagħlim tal-lingwi fil-kuntesti edukattivi kemm formali kif ukoll mhux formali għandhom rwol importanti fit-titjib tal-mobilità professjonali u tat-tagħlim.

4. Filwaqt li programmi lingwistiċi ġenerali jgħinu fl-iżvilupp ta' ħiliet essenzjali ta' komunikazzjoni għall-użu ta' kuljum, metodoloġiji bħat-Tagħlim Integrat tal-Kontenut u l-Lingwa (CLIL) kemm fl-edukazzjoni ġenerali kif ukoll fl-ETV (Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali) jistgħu jkunu partikolarment effettivi fit-titjib tal-mobilità u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema.

5. Biex is-CLIL javvanza 'l quddiem, l-għalliema u l-ħarrieġa - b'mod partikolari fl-ETV - għandhom ikunu inkoraġġuti biex jiksbu kompetenzi lingwistiċi ta' kwalità għolja u għandu jkollhom aċċess għal riżorsi tat-tagħlim ta' kwalità għolja.

6. Għażla ikbar ta' lingwi, inkluż dawk inqas mifruxa u l-lingwi tal-pajjiżi ġirien, għandha tkun offruta - fejn ikun possibbli u adatt - fil-livelli kollha tal-edukazzjoni f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, u għandu jkun hemm disponibbli aktar tagħrif u gwida dwar dawn mill-istituzzjonijiet lingwistiċi u kulturali adatti.

7. L-iżvilupp tal-kompetenzi lingwistiċi tan-nies, b'mod partikolari t-tfal, li ġejjin minn ambjent soċjoekonomikament żvan-taġġat, il-migranti jew ir-Rom jew fost dawk bi ħtiġijiet edukattivi speċjali jista' jikkontribwixxi għall-kisba ta' inklużjoni soċjali aħjar u ta' żvilupp professjonali futur.
8. L-għoti u l-kisba ta' tagħlim tal-lingwi ta' kwalità għolja - pereżempju, ta' lingwa speċjalizzata b'rabta mal-impjeg - huma essenzjali għall-internazzjonalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u għat-titjib tal-impjegabbiltà tal-gradwati.
9. Il-forniment ta' tagħlim tal-lingwi matul il-ħajja, inkluż f'eta avvanzata, huwa wkoll importanti fil-perspettiva ta' xejriet demografiki attwali u tal-ħtieġa li jkunu żgurati opportunitajiet indaqs għal perċentwali li qed tikber ta' ċittadini anzjani tal-UE.
10. Jipprovvu d-djalogu bejn id-dinja tal-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol billi jikkunsidraw aħjar il-ħtiġijiet lingwistiċi tas-suq tax-xogħol, billi joffru gwida regolari lit-tfal tal-iskola u l-istudenti matul il-karrieri edukattivi tagħhom u billi jappoġġaw it-tagħlim tal-lingwi fuq il-post tax-xogħol.
11. Jesploraw il-possibbiltajiet għal sħubiji pubbliċi-privati mmirati biex jiżguraw il-forniment ta' ħilet lingwistiċi tajbin għas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari bħala mezz ta' tħejjija għal mobilità u esperjenzi ta' xogħol barra l-pajjiż.
12. Iħeġġu l-promozzjoni ta' inizjattivi għat-tagħlim tal-lingwi u ta' ambjenti li jwasslu għat-tagħlim tal-lingwi.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX

1. Iżidu l-isforzi tagħhom biex jiksbu l-objettiv ta' Barcellona, pereżempju bit-titjib tal-forniment, il-kwalità u r-rilevanza tat-tagħlim tal-lingwi fl-edukazzjoni ġenerali, l-ETV u l-edukazzjoni għolja, kif ukoll fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja.
2. Jagħrfu l-importanza tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni fl-għoti u l-kisba tat-tagħlim tal-lingwi bħala aspekk importanti tal-proċess tal-assigurazzjoni tal-kwalità.
3. Itejbu t-taħriġ inizjali u matul is-servizz tal-għalliema tal-lingwi u t-taħriġ relatat mal-lingwi tal-għalliema ta' suġġetti oħra, kif ukoll isaħħu u jiffaċilitaw il-mobilità tagħhom, waqt li kemm jista' jkun jeliminaw l-ostakoli amministrattivi.
4. Jinkoraġġixxu forum innovattivi ta' kooperazzjoni, sperimentazzjoni u approċċi ġodda Ewropej għall-għoti u l-kisba tat-tagħlim tal-lingwi, bħat-Tagħlim Integrat tal-Kontenut u l-Lingwa (inkluż fi skejjel bilingwi), opportunitajiet ta' mobilità għall-immersjoni fil-lingwi kif ukoll, fejn ikun adatt, użu aktar estensiv tal-ICT anke f'ambjenti kreattivi tat-tagħlim tal-lingwi.
5. Iżidu, fejn hu possibbli u adatt, l-għażla tal-lingwi offruti fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u jipprovvu t-tagħlim ta' lingwi inqas mifruxa u (speċjalment f'reġjuni qrib il-fruntieri) il-lingwi tal-pajjiżi ġirien, sabiex jiffaċilitaw l-iskambji kulturali, soċjali u ekonomiċi.
6. Jikkunsidraw l-inklużjoni ta' dimensjoni kulturali fil-kurrikuli tal-lingwi, fejn ikun adatt, bħala komponent importanti għat-tagħlim futur u l-mobilità professjonali.
7. Jipprovvu miżuri li jkollhom l-għan li jgħinu lit-tfal kif ukoll lill-adulti bi sfond ta' migrazzjoni jew Rom biex

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX

1. Tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri fil-qasam tal-għoti u l-kisba tat-tagħlim tal-lingwi, bl-użu sħiħ tal-programmi tal-UE u l-għodod Ewropej għall-edukazzjoni u t-taħriġ.
2. Testendi l-ħidma dwar politika tal-lingwi mibdija taħt l-ewwel ċiklu ta' ħidma tal-"ET 2020" fi ħdan il-grupp tematiku dwar it-tagħlim tal-lingwi minn kmieni biex tinkludi livelli oħra tal-edukazzjoni (primarja, sekondarja, eċċ.), b'rigward speċjali wkoll għall-oqsma tal-ETV u tat-tagħlim tal-adulti.
3. Tqis li tippreżenta proposta - ibbażata fuq ir-riżultati tal-istħarriġ Ewropej dwar il-kompetenzi lingwistiċi li għandhom jiġu ppubblikati fl-2012 u bl-użu tar-riżorsi disponibbli - għal punt ta' riferiment possibbli dwar il-kompetenzi lingwistiċi, bil-ħsieb li tippromwovi t-titjib kontinwu tal-edukazzjoni lingwistika.
4. Tniedi u tferrex studji u stħarriġ fl-Ewropa kollha dwar metodoloġiji u għodod tat-tagħlim tal-lingwi, waqt li tqis l-aspetti tal-kwalità u tevita piżijiet amministrattivi u spejjeż addizzjonali, u tqiegħed ir-riżultati għad-disponibbiltà tal-prattikanti u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet flivell nazzjonali.

5. Tappoġġa u tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar riżorsi aċċessibbli tat-tagħlim tal-lingwi, u thegġegħ lill-Istati Membri biex jagħmlu użu prattiku mil-linji gwida u l-għodod żviluppanti fi ħdan il-politika tal-UE dwar il-lingwi.
6. Tissokta bl-appoġġ tagħha għall-Pjattaforma Kummerċjali għall-Multilingwiżmu u għall-inizjattivi ta' dan it-tip mill-partijiet interessati.
- U JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX
1. Jappoġġaw il-mobilità għall-fini tat-tagħlim tal-lingwi, sabiex jgħinu lil dawk li qed jitgħallmu biex jegħlbu l-ostakoli lingwistiċi inizjali u jimmotivawhom biex jiksbu kompetenza f'mill-inqas żewġ lingwi barranin.
2. Jiskambjaw l-esperjenza u l-aħjar prattika, sabiex itejbu l-effettività tal-edukazzjoni lingwistika biex tgħammar liż-żgħażaġh bit-taħlita adatta ta' kompetenzi lingwistiċi u bil-kapaċità li jkomplu jiksbu ħiliet ġodda skont il-ħtiġijiet u l-interessi futuri, billi jippromwovu l-lingwi permezz ta' pjattaformi u netwerks eżistenti u futuri għall-għalliema u l-ħarrieġa.
3. Jenfasizzaw il-ħtieġa għal kontenut lingwistiku speċifiku għal finijiet professjonali, b'mod partikolari fl-ETV u l-edukazzjoni għolja, bħala mezz li jtejjeb il-mobilità u l-impjegabbiltà.
4. Jiżviluppaw aktar għodod - bir-riżorsi disponibbli u bl-inqas piż amministrattiv- biex jissorveljaw il-progress fil-kamp tat-tagħlim tal-lingwi, għall-ġbir ta' data kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva, u biex jidentifikaw il-prattiki l-aktar effettivi u l-oqsma li jeħtieġu titjib.
5. Jesploraw modi - b'kont meħud tal-prattika tajba eżistenti - li jtejbu r-rikonossiment u l-validazzjoni ta' kompetenzi lingwistiċi miksubin permezz ta' edukazzjoni mhux formali u informali.
6. Jikkunsidraw l-użu tal-Qafas ta' Referenzi Komuni Ewropew għal-Lingwi (CEFR) tal-Kunsill tal-Ewropa sabiex:
- jippromwovu rabtiet aktar mill-qrib bejn is-CEFR u l-Oqfsa ta' Kwalifiki Nazzjonali u Ewropej;
 - iżidu l-opportunitajiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenzi lingwistiċi miksubin mit-tfal tal-iskola u mill-istudenti fi tmiem l-edukazzjoni obligatorja u fl-edukazzjoni għolja.
7. Jipprovdu rabta bejn l-edukazzjoni vokazzjonali u l-kwalifiki tat-taħriġ li jinkludu ħiliet lingwistiċi u s-CEFR, filwaqt li jagħmlu użu tajjeb mir-riżorsi u l-esperjenza tal-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati Ewropej rilevanti kollha, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa u ċ-Ċentru Ewropew tiegħu għal-Lingwi Moderni.
8. Ikomplu jipprovdu appoġġ permezz tal-programmi tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh għal kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet edukattivi kif ukoll għal programmi ta' skambju għat-tfal tal-iskola u l-istudenti, inklużi dawk fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, sabiex jgħinuhom itejbu l-kompetenzi lingwistiċi tagħhom.
9. Jappoġġaw, fejn adatt, kemm flivell nazzjonali kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni Ewropea, l-iżvilupp ta' materjali għall-għoti u l-kisba tat-tagħlim għal-lingwi li ma tantx huma mgħallma.
10. Mingħajr preġudizzju għan-negozjati li ġejjin, iqisu t-tqegħid tat-tagħlim tal-lingwi f'pożizzjoni ta' prijorità fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi tal-UE fil-kamp tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar punt ta' riferiment għall-mobbiltà għat-tagħlim

(2011/C 372/08)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA:

— Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, tal-14 ta' Diċembru 2000, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar pjan ta' azzjoni għall-mobbiltà ⁽¹⁾.

— Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2001 dwar il-mobbiltà fi ħdan il-Komunità għall-istudenti, persuni li jkunu għaddejjin minn taħriġ, voluntiera, għalliema u għal dawk li jħarrġu ⁽²⁾.

— Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-mobbiltà transnazzjonali fi ħdan il-Komunità għal finijiet ta' edukazzjoni u taħriġ: Il-Karta Ewropea ta' Kwalità dwar il-Mobbiltà ⁽³⁾.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2007 dwar qafas koerenti ta' indikaturi u punti ta' riferiment għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-oġġettivi ta' Lisbona fl-edukazzjoni u t-taħriġ ⁽⁴⁾.

— Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-mobbiltà ta' voluntiera żgħażaġħ madwar l-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2008 dwar il-mobbiltà taż-żgħażaġħ ⁽⁶⁾.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") ⁽⁷⁾.

— Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġħ (2010-2018) ⁽⁸⁾.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2010 dwar Ewropa 2020 ⁽⁹⁾.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, tat-18 ta' Novembru 2010, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prijoritajiet għal kooperazzjoni Ewropea msaħħa fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-perijodu 2011-2020 ⁽¹⁰⁾.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-inizjattiva Żgħażaġħ f'Moviment — approċċ integrat bi tweġiba għall-isfidi li jiffaċċjaw iż-żgħażaġħ ⁽¹¹⁾.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2011 dwar irwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-implimentazzjoni tal-Istra-teġija Ewropa 2020 ⁽¹²⁾.

— Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011: Żgħażaġħ f'Moviment — il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim taż-żgħażaġħ ⁽¹³⁾.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2011 dwar id-dimensjoni tal-Lvant tal-parteċipazzjoni u l-mobbiltà taż-żgħażaġħ.

— Ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Lulju 2011: Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja ⁽¹⁴⁾;

U FID-DAWL TA':

Ir-riżultati tal-konferenza tal-Presidenza dwar il-mobbiltà għat-tagħlim li saret f'Sopot fis-17–19 ta' Ottubru 2011.

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

Ħafna jqisu li l-mobbiltà għat-tagħlim tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità għall-impjeg taż-żgħażaġħ permezz tal-kisba ta' ħliet u kompetenzi ewlenin, inkluż b'mod speċjali l-kompetenzi lingwistiċi u l-fehim interkulturali, iżda wkoll il-ħliet soċjali u ċiviċi, l-intraprenditorija, il-ħliet għas-soluzzjoni ta' problemi u l-kreattività b'mod ġenerali. Barra milli tipprovdi esperjenza prezzjuża għall-individwi kkonċernati, il-mobbiltà għat-tagħlim tista' tgħin fit-titjib tal-kwalità ġenerali tal-edukazzjoni, speċjalment permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni. Barra minn hekk, hija tista' tgħin biex jissaħħaħ sens ta' identità u ċittadinanza Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 371 23.12.2000, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 215, 9.8.2001, p. 30.

⁽³⁾ ĠU L 394, 30.12.2006, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU C 311, 21.12.2007, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU C 319, 13.12.2008, p. 8.

⁽⁶⁾ ĠU C 320 16.12.2008, p. 6.

⁽⁷⁾ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

⁽⁸⁾ ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1.

⁽⁹⁾ Dok. 7586/10.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 324, 1.12.2010, p. 5.

⁽¹¹⁾ ĠU C, 326, 3.12.2010, p. 9.

⁽¹²⁾ ĠU C 70, 4.3.2011, p. 1.

⁽¹³⁾ ĠU C 199, 7.7.2011, p. 1.

⁽¹⁴⁾ Dok. 12668/11.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-provvediment tal-iktar aċċess wiesa' possibbli għall-mobbiltà għal kulħadd, inklużi gruppi żvantaġġati, u t-tnaqqis fil-bqija tal-ostakoli għall-mobbiltà, joħlqu waħda mill-oġġettivi strateġiċi ewlenin tal-politika tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

JINNOTA:

- L-istedina tal-Kunsill lill-Kummissjoni skont ir-Rakkoman-dazzjoni tas-sena 2006 dwar Karta Ewropea tal-Kwalità dwar il-Mobbiltà sabiex ittejjeb jew tiżviluppa, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet rilevanti, data statistika skont is-sess dwar il-mobbiltà għall-skopijiet ta' edukazzjoni u taħriġ ⁽¹⁵⁾.
- Ir-rapport tal-Forum ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Mobbiltà ta' Ġunju 2008 u l-proposta tiegħu li l-mobbiltà għat-tagħlim għandha tkun opportunità pprovduta liż-żgħażaġh kollha fl-Ewropa.
- Il-mira dwar il-mobbiltà għat-tagħlim fl-edukazzjoni għolja stabbilita skont il-Proċess ta' Bolonja f'Leuven/Louvain-la-Neuve f'April 2009.
- Il-Green Paper tal-Kummissjoni ta' Lulju 2009 dwar il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim għaż-żgħażaġh ⁽¹⁶⁾.
- Il-Komunikat ta' Bruges ta' Diċembru 2010 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prijoritajiet għal kooperazzjoni Ewropea msaħħa fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-perijodu 2011-2020 ⁽¹⁷⁾ li jstipulaw li sas-sena 2020 is-sistemi Ewropej tat-ETV għandhom jipprovdu opportunitajiet miżjuda b'mod sostanzjali għall-mobbiltà transnazzjonali.
- Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2011 dwar l-iżvilupp tal-punti ta' riferiment dwar l-edukazzjoni għall-kapaċità għall-impjieġ u dwar il-mobbiltà għat-tagħlim ⁽¹⁸⁾.
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28-29 ta' Novembru 2011 dwar il-kompetenzi lingwistiċi għat-tisħiħ tal-mobbiltà.

JIRRIKONOXXI LI:

- Il-mobbiltà għat-tagħlim tikkontribwixxi kemm għall-iżvilupp personali kif ukoll għal dak professjonali taż-żgħażaġh u ssaħħa l-impjegabbiltà u l-kompetittività, kif jixhdu mhux biss il-programmi tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh, iżda wkoll għadd ta' studji kwalitattivi internazzjonali dwar il-mobbiltà għat-tagħlim.

⁽¹⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

⁽¹⁶⁾ COM(2009) 329 finali.

⁽¹⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

⁽¹⁸⁾ Dok. 10697/11 - SEC(2011) 670 finali.

- Punt ta' riferiment Ewropew ⁽¹⁹⁾ dwar il-mobbiltà għat-tagħlim flimkien ma' indikaturi rilevanti ⁽²⁰⁾ jista' jgħin biex jiġi inkoraġġut u monitorat il-progress tal-Istati Membri lejn l-oġġettiv li diġà ntlaħaq qbil dwaru ⁽²¹⁾ ta' iktar mobbiltà, kif ukoll jiġu identifikati eżempji ta' prattika tajba u jiġi sostnut l-iżvilupp ta' inizjattivi ta' tagħlim bejn il-pari.
- Il-ġbir tad-data biex jitkejjel il-progress mal-punt ta' riferiment Ewropew dwar il-mobbiltà għat-tagħlim għandu jittwettag fil-limiti tar-riżorsi disponibbli.
- Sabiex jittieħed kont tal-ambjenti edukattivi differenti, dan il-punt ta' riferiment għandu jiddifferenzja bejn żewġ oqsma prinċipali: l-edukazzjoni għolja u l-ETV inizjali.
- Huwa importanti wkoll li l-punt ta' riferiment ikun akkumpanjat b'indikatur li jkopri kull tip ta' mobbiltà għat-tagħlim li ż-żgħażaġh jgħaddu minnha, inkluż mobbiltà f'ambjenti formali u mhux formali.

JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI,

filwaqt li jieħdu kont tas-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri individwali.

- (1) Li jadottaw, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tar-Rakkoman-dazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim taż-żgħażaġh, il-miżuri kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew immirati biex tiżdied il-mobbiltà għat-tagħlim u biex jinkiseb il-punt ta' riferiment Ewropew imsemmi fl-Anness meħmuż.
- (2) Fuq il-bażi tas-sorsi u l-għodod disponibbli, u filwaqt li jiġu mminimizzati l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi, li jtejjbu l-ġbir tad-data dwar il-mobbiltà għat-tagħlim fiċ-ċikli kollha tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali, u l-mobbiltà għat-tagħlim taż-żgħażaġh b'mod ġenerali, sabiex jitkejjel il-progress mal-punt ta' riferiment Ewropew, u mal-indikatur kif imsemmi fl-Anness.
- (3) Li jipromowvu l-implimentazzjoni u l-użu tal-programmi u l-għodod tal-UE imfassla biex jappoġġaw il-mobbiltà għat-tagħlim u t-tagħlim tul il-ħajja, inklużi l-Europass, il-Youthpass, il-QEK, l-ECTS u l-ECVET.

⁽¹⁹⁾ Kif muri fil-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ tas-sena 2009, dan huwa livell ta' riferiment tal-prestazzjoni medja Ewropea li m'għandhux jiġi kkunsidrat bħala mira konkreta li kull pajjiż li għandu jilħaq, iżda pjuttost bħala mira kollettiva li l-Istati Membri huma mistiedna jikkontribwixxu għall-ksib tagħha (ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2).

⁽²⁰⁾ Li għandhom ikunu stabbiliti fil-qafas tas-Sistema Statistika Ewropea.

⁽²¹⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2008 dwar il-mobbiltà taż-żgħażaġh (Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6).

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEK

- (1) Taħdem ma' u tappoġġa lill-Istati Membri, b'mod partikolari bl-ghajjuna tal-Eurostat, biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-indikaturi u l-istatistika rilevanti tul il-perijodu sal-2020. Fit-twettiq ta' dan, għandu jsir l-aħjar użu possibbli tad-data statistika u l-istħarriġ dwar l-unitajiet domestiċi disponibbli, bil-ħsieb li jiġu mminimizzati l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi.
- (2) Teżamina, b'mod partikolari permezz ta' rapporti ta' progress regolari, sa liema punt qed jintlaħqu l-oġġettivi tal-mobbiltà stabbilti skont il-qafas "ET 2020".
- (3) Tirrapporta lura lill-Kunsill sa tmiem l-2015, bil-ħsieb li jiġi rieżaminat u, jekk meħtieġ, rivedut il-punt ta' riferiment Ewropew dwar il-mobbiltà għat-tagħlim kif imsemmi fl-Anness.

U JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, BL-APPOĠĠ TAL-KUMMISSJONI,

- (1) Biex iwettqu monitoraġġ tal-progress u l-prestazzjoni fil-qasam tal-mobbiltà għat-tagħlim transkonfinali kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew, inkluż billi tinġabar informazzjoni kwalitattiva dwar eżempji ta' Prattika tajba, bħala l-bażi għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza.
- (2) Fir-rigward tal-mobbiltà għat-tagħlim fl-edukazzjoni għolja: waqt li joperaw fil-limiti tar-riżorsi disponibbli u b'sinerġija mill-qrib mal-proċess ta' Bolonja, biex itejbu l-għbir ta' data dwar il-mobbiltà tal-istudenti (inkluż il-mobbiltà tal-krediti u

l-kwalifiki universitarji) fiċ-ċikli kollha minn sorsi amministrattivi u oħrajn - b'mod speċjali fil-punt tal-gradwazzjoni, biex jitkejjel il-progress mal-punt ta' riferiment tal-mobbiltà msemmi fl-Anness (Taqsimi I - 1).

- (3) Fir-rigward tal-mobbiltà għat-tagħlim fl-ETV inizjali: biex jagħmlu l-aħjar użu tal-istħarriġ dwar l-unitajiet domestiċi disponibbli, sabiex tinġabar it-tip ta' data dwar il-mobbiltà għat-tagħlim meħtieġ biex ikun appoġġat il-punt ta' riferiment tal-mobbiltà għat-tagħlim imsemmi fl-Anness (Taqsimi I - 2)
- (4) Fir-rigward tal-mobbiltà għat-tagħlim taż-żgħażaġh b'mod ġenerali: biex jagħmlu l-aħjar użu tal-istħarriġ dwar l-unitajiet domestiċi disponibbli, sabiex tinġabar id-data meħtieġa għall-iżvilupp ta' indikatur dwar l-ammont totali ta' mobbiltà għat-tagħlim formali u mhux formali, inkluż analiżi tal-mobbiltà mhux formali, bil-ħsieb li jiġi kkomplementat il-pannell ta' indikaturi tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh ⁽²²⁾, u possibbilment jiġi estiż il-punt ta' riferiment dwar il-mobbiltà għat-tagħlim sabiex f'xi data fil-futur jinkludi l-mobbiltà taż-żgħażaġh b'mod ġenerali (Taqsimi I tal-Anness).
- (5) Biex jeżaminaw il-possibbiltà li jsir użu tal-istħarriġ disponibbli dwar għalliema fil-livelli edukattivi kollha, bil-ħsieb li jiġu żviluppati indikaturi dwar il-mobbiltà tal-għalliema u possibbilment jiġi estiż il-punt ta' riferiment dwar il-mobbiltà għat-tagħlim sabiex f'xi data fil-futur jinkludi l-mobbiltà tal-għalliema ⁽²³⁾.

⁽²²⁾ Dok. 8320/11 — SEC(2011) 401 finali.

⁽²³⁾ Kif imsemmi fil-qafas strateġiku tas-sena 2009 għall-koooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7).

ANNEX

LIVELL TA' REFERENZA GĦALL-PRESTAZZJONI MEDJA EWROPEA

(“Punt ta' riferiment Ewropej”)

FIL-QASAM TAL-MOBBILTÀ GĦAT-TAGĦLIM

Bħala mezz ta' monitoraġġ tal-progress u tal-identifikazzjoni tal-isfidi, kif ukoll ta' kontribut għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza, fl-2009 l-Istati Membri qablu li l-livelli ta' riferiment tal-prestazzjoni medja Ewropea (“punti ta' riferiment Ewropej”) għandhom jappoġġaw l-oġġettivi msemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill li huma adottaw fit-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-koooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ⁽¹⁾. Dak iż-żmien intlaħaq ftehim dwar ħames punti ta' riferiment Ewropej u tressqet talba lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti dwar aktar punti ta' riferiment, inkluża waħda dwar il-mobbiltà għat-tagħlim.

Wara li eżaminaw il-proposti fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2011⁽²⁾, l-Istati Membri issa jaqblu wkoll dwar il-punt ta' riferiment rigward il-mobbiltà għat-tagħlim li ġej, li jiddistingwi bejn żewġ oqsma prinċipali - l-edukazzjoni għolja u l-ETV inizjali.

Il-punt ta' riferiment Ewropej dwar il-mobbiltà għat-tagħlim fiż-żewġ oqsma imsemmija hawn taħt jikkomplimentaw lil dawk diġà adottati f'Mejju 2009. Bħala tali, dawn għandhom ikunu bbażati biss fuq data komparabbli u jieħdu kont tas-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri individwali. Huma m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala miri konkreti li għandhom jintlaħqu minn pajjiżi individwali sal-2020. Minflok, l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw, fuq il-bażi ta' prijoritajiet nazzjonali u filwaqt li jieħdu kont taċ-ċirkostanzi ekonomiċi li qegħdin jinbidlu, kif u safejn huma jistgħu jikkontribwixxu għall-ksib kollettiv tal-punti ta' riferiment Ewropej fl-oqsma deskritti hawn taħt permezz ta' azzjonijiet nazzjonali.

Minbarra dan, għandu jiġi żvilupp indikatur dwar il-mobbiltà għat-tagħlim taż-żgħażaġh b'mod ġenerali, fil-kuntest tat-tagħlim formali kif ukoll dak mhux formali, bil-ħsieb li possibbilment jiġi estż il-punt ta' riferiment dwar il-mobbiltà għat-tagħlim sabiex f'xi data fil-futur jinkludi l-mobbiltà għat-tagħlim taż-żgħażaġh li ssir fi kwalunkwe kuntest.

Il-mobbiltà għat-tagħlim hija ddefinita bħala mobbiltà fiżika u tieħu kont tal-mobbiltà madwar id-dinja.

I. PUNT TA' RIFERIMENT DWAR MOBBILTÀ GĦAT-TAGĦLIM

1. Il-mobbiltà għat-tagħlim fl-edukazzjoni għolja

Bil-ħsieb li tiżdied il-parteċipazzjoni fil-mobbiltà għat-tagħlim tal-istudenti li għandhom livell ta' edukazzjoni għolja:

Sal-2020, medja tal-UE ta' mill-inqas 20 % ta' gradwati li għandhom livell ta' edukazzjoni għolja għandha tkun għamlet perijodu ta' studju relatat mal-edukazzjoni għolja jew ta' taħriġ (inkluż taħriġ f'ambitu professjonali) barra l-pajjiż, li jirrapreżenta minimu ta' 15-il kreditu tal-ECTS jew b'tul ta' mill-inqas tliet xhur.

Jista' jittieħed kont ta' perijodi iqsar għall-kalkolu tal-livelli nazzjonali ta' mobbiltà, sakemm dawn ikunu rrikonoxxuti mill-Istat Membru individwali fil-kuntest ta' skema ta' mobbiltà kwalitattiva u jiġu reġistrati separatament.

Sabiex jiġu żgurati il-kwalità u l-konverġenza mal-proċess ta' Bolonja, l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma mistiedna jaħdmu mal-fora ta' Bolonja rilevanti bil-ħsieb li jiġu stabbiliti limiti armonizzati dwar in-numru ta' krediti tal-ECTS u t-tul minimu ta' studju.

L-Istati Membri huma mħeġġa li jiżguraw rikonoxximent sħiħ tal-perjodi ta' studju barra l-pajjiż.

2. Il-mobbiltà għat-tagħlim fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali (ETV-I)

Bil-ħsieb li tiżdied il-parteċipazzjoni fil-mobbiltà għat-tagħlim tal-istudenti li għandhom livell ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali:

Sal-2020, medja tal-UE ta' mill-inqas 6 % ta' persuni bejn it-18 u l-34 sena bi kwalifika ta' livell ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali għandhom ikunu għamli perijodu ta' studju jew taħriġ inizjali relatat mal-ETV (inkluż taħriġ f'ambitu professjonali) barra l-pajjiż b'tul ta' mill-inqas ġimgħatejn⁽³⁾ jew inqas jekk iddokumentat bl-Europass.

⁽¹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7.

⁽²⁾ Dok. 10697/11.

⁽³⁾ = għaxart ijiem ta' xogħol.

Sabiex tiġi żgurata l-kwalità, l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw l-għodod rilevanti, bħall-Europass u s-sistemi ECVET u EQAVET.

Il-punt ta' riferiment — inkluż id-definizzjoni u l-livell ta' mira tiegħu — għandu, jekk meħtieġ, jiġi rieżminat/rivedut sa tmiem l-2015.

II. INDIKATUR DWAR IL-MOBBILTÀ GĦAT-TAGĦLIM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ B'MOD ĠENERALI

Dan huwa indikatur ġenerali dwar il-mobbiltà għat-tagħlim li jippermetti r-reġistrazzjoni ta' kull tip ta' esperjenza ta' tagħlim magħmula miż-żgħażaġħ barra l-pajjiż. Huwa jkopri l-mobbiltà għat-tagħlim ta' kwalunkwe tul ta' żmien fi ħdan is-sistemi formali tal-edukazzjoni u ta' taħriġ fi kwalunkwe livell, kif ukoll il-mobbiltà għat-tagħlim f'kuntesti mhux formali, inkluż skambji ta' żgħażaġħ u attivitajiet tal-volontarjat.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja

(2011/C 372/09)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

BILLI

1. Is-sistemi ta' edukazzjoni għolja għandhom rwol kruċjali fil-ħolqien tal-għarfien li jsejjes l-iżvilupp uman u soċjetali u l-promozzjoni ta' ċittadinanza attiva.
2. L-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv adottata f'Ġunju 2010 ⁽¹⁾ tistabbilixxi l-oġettiv li ttejjeb il-livelli tal-edukazzjoni, b'mod partikolari billi żżid il-proporzjon ta' żgħażaġh li jkunu temmew b'suċċess l-edukazzjoni terzjarja jew ta' livell ekwivalenti sa mill-inqas 40 % sal-2020.
3. Id-Dikjarazzjoni ta' Bologna tad-19 ta' Ġunju 1999 stabbilixxiet proċess intergovernattiv immirat lejn il-ħolqien ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja li hija appoġġata b'mod attiv mill-Unjoni Ewropea, u l-Ministri responsabbli għall-edukazzjoni għolja fil-pajjiżi parteċipanti, imlaqqgħin f'Leuven u Louvain-la-Neuve fit-28 u d-29 ta' April 2009, appellaw biex l-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja ⁽²⁾ jimmodernizzaw aktar l-attivitatiet tagħhom fil-perjodu sal-2020.
4. Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 ddeterminat il-kondizzjonijiet u r-regoli ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri għal perjodu ta' iktar minn tliet xhur għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju ⁽³⁾.
5. Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 stipulat il-kondizzjonijiet għall-ammissjoni ta' riċerkaturi ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri għal iktar minn tliet xhur proġett ta' riċerka taħt ftehim ta' akkoljenza ma' xi organizzazzjoni ta' riċerka ⁽⁴⁾.
6. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-immodernizzar tal-universitajiet għall-kompetittività tal-Ewropa f'ekonomija tal-konozzenza globali ⁽⁵⁾ stiednet lill-Istati Membri biex jippromwovu l-internazzjonalizzazzjoni

tal-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja billi jinkoraġ-ġixxu l-assigurazzjoni tal-kwalità permezz ta' evalwazzjoni indipendenti u revizzjoni bejn il-pari ta' universitajiet, filwaqt li jsaħħu l-mobbiltà, jippromwovu l-użu ta' diplomi konġunti u doppji u jiffaċilitaw ir-rikonoxximent ta' kwalifiki u perijodi ta' studju.

7. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar dwar qafas strateġiku għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ⁽⁶⁾ iddikjaraw li sabiex jiġu appoġġati l-isforzi tal-Istati Membri biex tiġi mmodernizzata l-edukazzjoni għolja u tiġi żviluppata Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, wieħed għandu jimmira għal sinerġija mill-qrib mal-proċess ta' Bologna, b'mod partikolari fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-kwalità, l-għarfien, il-mobbiltà u l-istrumenti ta' trasparenza.
8. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tas-26 ta' Novembru 2009 dwar l-iżviluppar tar-rwol tal-edukazzjoni fi trijanglu tal-għarfien li jiffunzjona kompletament ⁽⁷⁾ identifikaw il-ħtieġa għal aktar riforma fil-governanza u l-istrut-turi ta' finanzjament tal-universitajiet li tippermetti aktar awtonomija u responsabbiltà sabiex tiffaċilita fluss ta' dħul aktar diversifikat u kollaborazzjoni aktar effettiva mad-dinja tal-kummerċ u tipprovdi lill-universitajiet bit-tagħmir sabiex jipparteċipaw fit-trijanglu tal-għarfien fuq skala globali.
9. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja ⁽⁸⁾ stiedna lill-Kummissjoni biex tiżviluppa strateġija internazzjonali tal-UE dwar l-edukazzjoni għolja li għandha l-għan li ttejjeb il-koerenza u l-komplementarjetà bejn inizzjattivi eżistenti ta' kooperazzjoni internazzjonali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali, u li ser tkompli tippromwovi l-attrattività tal-edukazzjoni għolja Ewropea, ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-attivitatiet esterni tal-UE.
10. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2010 dwar ħiliet ġodda għal impjegji ġodda: it-triq 'il quddiem ⁽⁹⁾ tissottolinja il-ħtieġa li jiġi promoss it-tkabbir inklussiv u li tingħata għajnuna lin-nies ta' kull età biex tiġi antiċipata u ġestita l-bidla billi jingħataw l-ħiliet u l-kompetenzi t-tajba.
11. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-inizzjattiva *Żgħażaġħ f'Moviment* ⁽¹⁰⁾ appellaw għal sforzi biex tittejjeb il-kwalità u l-attrattività ta' edukazzjoni fil-livelli kollha, partikolarment fl-edukazzjoni għolja.

⁽¹⁾ EUCO 13/10.

⁽²⁾ Sabiex jitqiesu d-diversità lingwistika u t-tradizzjonijiet u l-prattiki nazzjonali, qed jintuża dan it-terminu biex ikopri l-istituzzjonijiet kollha ta' edukazzjoni terzjarja, inklużi l-universitajiet, l-universitajiet tax-xjenza applikata, l-istituti tat-teknoloġija, l-iskejjel terzjarji, l-iskejjel tal-kummerċ, l-iskejjel tal-inġinerija, l-IUT, il-kulleġġi tal-edukazzjoni għolja, l-iskejjel professjonali, il-politekniċi, l-akkademji, eċċ.

⁽³⁾ ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12.

⁽⁴⁾ ĠU L 289, 3.11.2005, p. 15.

⁽⁵⁾ 16096/1/07 REV 1.

⁽⁶⁾ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

⁽⁷⁾ ĠU C 302, 12.12.2009, p. 3.

⁽⁸⁾ ĠU C 135, 26.5.2010, p. 13.

⁽⁹⁾ Dok. 10841/10.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 326, 31.12.2010, p. 9.

12. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2010 dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni għall-Ewropa⁽¹⁾ saħqu dwar l-importanza li tingħata prijorità lill-investment fl-educazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka, u li jsir użu sħiħ mill-kapital intellettuali tal-Ewropa sabiex jiġu żgurati l-kompetittività u t-tkabbir fit-tul.
13. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011 appellaw għall-implimentazzjoni ta' approċċ strateġiku u integrat biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u jittieħed vantaġġ sħiħ mill-kapital intellettuali tal-Ewropa, għall-benefiċċju taċ-ċittadini, il-kumpanniji - b'mod partikolari l-SMEs - u r-riċerkaturi⁽²⁾.
14. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2011 dwar ir-rwol tal-educazzjoni u t-taħriġ fl-implimentazzjoni tal-istrateġija *Ewropa 2020*⁽³⁾ enfasizzaw li l-istituzzjonijiet tal-educazzjoni għolja għandhom ifittxu li jtejbu l-kwalità u r-rilevanza tal-korsijiet li joffru, sabiex iħeġġu firxa aktar wiesgħa ta' ċittadini jidħlu fl-educazzjoni għolja, u li għandha tiġi promossa kooperazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet ta' educazzjoni għolja, l-istituti tar-riċerka u l-intrapriżi bil-għan li jissaħħaħ it-triangolu tal-għarfien bħala l-bażi għal ekonomija iktar innovattiva u kreattiva.
15. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-Qafas tal-UE għall-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020⁽⁴⁾ stiednu lill-Istati Membri biex jistabbilixxu jew ikomplu jaħdmu favur l-għanijiet tagħhom li jistgħu jiffokaw għat-tisħiħ ta' aċċess ugwali fil-prattika għall-educazzjoni ta' kwalità, inkluż l-educazzjoni għolja.
16. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2011 dwar l-iżvilupp taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) permezz ta' gruppi relatati maż-ŻER⁽⁵⁾, innotaw li l-progress konsiderevoli li nkiseb fl-implimentazzjoni taż-ŻER għandu jirriżulta f'kontinwazzjoni tal-approċċ komprensiv u strateġiku biex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-kapital intellettuali tal-Ewropa.
17. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011: *Żgħażaġħ f'Moviment* – il-promozzjoni tal-mobbiltà fit-tagħlim taż-żgħażaġh⁽⁶⁾ innutat li l-mobbiltà fit-tagħlim tista' tagħmel is-sistemi u l-istituzzjonijiet tal-educazzjoni u t-taħriġ aktar miftuħa, aktar Ewropej u internazzjonali, aktar aċċessibbli u aktar effiċjenti. Hija tista' ttejjeb ukoll il-kompetittività tal-Ewropa billi tgħin fil-bini ta' soċjetà ffukata fuq l-għarfien.
18. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2011 dwar punt ta' riferiment dwar il-mobbiltà għat-tagħlim li jfittxu li jżidu l-parteċipazzjoni tal-istudenti ta' educazzjoni

għolja fil-mobbiltà ta' tagħlim u jistabbilixxu limiti kwantitattivi u kwalitattivi biex jitkejlu l-perijodi ta' studju jew taħriġ barra mill-pajjiż.

19. L-Unjoni Ewropea għandha tradizzjoni twila ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bbażata fuq sett ta' linji ta' politika u strumenti li fiha l-educazzjoni għolja għandha rwol dejjem akbar. Il-kooperazzjoni fl-educazzjoni għolja għandha prominenza wkoll f'oqfsa ta' kooperazzjoni multilaterali bħas-Sħubija tal-Lvant, l-Unjoni għall-Mediterran jew id-Dimensjoni tat-Tramuntana u mal-Balkani tal-Punent.

FID-DAWL TA'

1. L-ewwel konferenza ministerjali taż-ŻER dwar *Kapital Intellettuali - Impatt Kreattiv* li saret f'Sopot fl-20 ta' Lulju 2011, li enfasizzat ir-rwol li l-universitajiet għandhom f'dinja globalizzata bħala sors vitali ta' għarfien u ħsieb innovattiv, speċjalment fir-rigward ta' oqsma strateġiċi ta' riċerka ffokata dwar sfidi kontemporanji.
2. Il-konferenza tal-Presidenza dwar il-*Modernizzazzjoni tal-Edukazzjoni Għolja* li saret f'Sopot mill-24 sal-25 ta' Ottubru 2011, li ssottolinjat il-ħtieġa għal modernizzazzjoni tas-sistemi tal-educazzjoni għolja, speċjalment fid-dawl tal-isfidi kurrenti bħal kompetizzjoni globali u tendenzi demografiċi.

JILQA'

Il-Komunikazzjoni tal-20 ta' Settembru 2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni — *Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi — aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa*⁽⁷⁾.

JAGĦRAF LI

1. Fil-klima ekonomika attwali, l-educazzjoni għolja (inkluż l-educazzjoni u t-taħriġ terzjarju vokazzjonali) — permezz tar-rabtiet tagħha mar-riċerka u l-innovazzjoni, għandha rwol kruċjali biex tipprovdi l-kapital uman b'ħiliet speċjalizzati u tippromwovi r-riċerka essenzjali li l-Ewropa teħtieġ fl-ispinta tagħha lejn impjiegi siguri, tkabbir ekonomiku u prosperità.
2. Il-kwalifiki tal-persuni ggradwati mhux dejjem jaqblu mal-ħtieġijiet tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà. Min iħaddem, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fil-privat, qed jirrapporta dejjem aktar nuqqas ta' qbil u diffikultà biex isib il-persuni adatti għall-bżonnijiet li qed jevolvu tal-ekonomija tal-għarfien.

⁽¹⁾ Dok. 17165/10.

⁽²⁾ EUCO 2/11, p. 6, paragrafu 16.

⁽³⁾ ĠU C 70, 4.3.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ Dok. 10658/11.

⁽⁵⁾ 11032/11.

⁽⁶⁾ ĠU C 199, 7.7.2011, p. 1.

⁽⁷⁾ Dok. 14198/11 + ADD 1.

3. L-Ewropa teħtieġ numru ferm ikbar ta' riċerkaturi mħarrġa u riċerkaturi bl-esperjenza barra l-università, inkluż fis-settur privat, biex l-ekonomiji tagħha jsiru aktar intensivi fir-riċerka u b'hekk jagħtu spinta lill-innovazzjoni u l-kompetittività.
 4. Il-parteċipazzjoni dejjem usa' fl-edukazzjoni għolja teħtieġ attenzjoni akbar għall-isfidi marbuta mal-kwalità u d-diversità.
 5. Il-forza tal-istituzzjonijiet Ewropej għall-edukazzjoni għolja tinsab fid-diversità tagħhom, fl-għoti ta' edukazzjoni u riċerka ta' kwalità għolja, sostenibbli u rilevanti, u fir-rabta bejn l-awtonomija istituzzjonali, ir-responsabbiltà quddiem il-partijiet interessati kollha, u fil-kapaċità ta' adattament għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu. Minbarra ż-żewġ missjonijiet tradizzjonali tagħhom ta' taġlim u riċerka, qed tiżdied l-importanza ta' tiolet missjoni li torbot l-istituzzjonijiet u s-settur tan-negozju, inkluż fil-livell reġjonali, u tal-inklużjoni tar-responsabbiltà soċjali.
 6. Madankollu, il-potenzjal tal-istituzzjonijiet Ewropej għall-edukazzjoni għolja li jissodisfaw ir-rwol tagħhom fis-soċjetà u jikkontribwixxu għall-prosperità tal-Ewropa għadu mhuwiex sfruttat biżżejjed: l-Ewropa qed tibqa' lura fil-kompetizzjoni globali għall-għarfien u t-talent, filwaqt li l-ekonomiji li jixirfu qegħdin iżidu b'rata mgħaġġla l-investment tagħhom fl-edukazzjoni għolja.
 7. Fl-istess ħin, l-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja wisq ta' spiss ifittxu li jikkompetu f'numru wisq kbir ta' oqsma, filwaqt li huwa biss numru żgħir minnhom li jikseb l-eċċellenza f'oqsma speċifiċi fejn il-kompetizzjoni globali hija b'saħħitha.
 8. B'hekk jeħtieġ li l-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja jkomplu jwettqu riformi interni bbażati fuq l-għażla tal-missjonijiet istituzzjonali marbuta mat-tipi ta' kapital intellettuali li jirrappreżentaw u l-opportunitajiet li jiddefinixxu ruħhom meta mqabbla ma' istituzzjonijiet nazzjonali oħra.
 9. Hija meħtieġa awtonomija istituzzjonali biex tiġi promossa d-diversità istituzzjonali fis-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni għolja: jeħtieġ li jiġu diversifikati r-rwoli u l-missjonijiet istituzzjonali biex tiġi promossa l-eċċellenza fl-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja.
- JAQBEL LI:
1. Ir-responsabbiltà ewlenija għat-tweqqif u l-appoġġ ta' riformi fl-edukazzjoni għolja hija tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet edukattivi nfushom. Madankollu, il-Proċess ta' Bologna u l-iżvilupp konsegwenti taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, l-aġenda tal-UE għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja u l-ħolqien ta' Żona Ewropea tar-Riċerka juru li l-isfidi u r-risponsi ta' politika meħtieġa jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u li l-kooperazzjoni Ewropea għandha kontribut siewi x'taġhti f'termini ta' appoġġ ta' finanzjament, analiżi tal-politika bbażata fuq l-evidenza u l-iskambju tal-aħjar prassi.
 2. Il-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja huma kondizzjoni ċentrali biex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-kapital intellettuali tal-Ewropa.
 3. Il-kwalità tal-edukazzjoni u r-riċerka hija mutur ewleni tal-immodernizzar b'suċċess tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa.
 4. It-tisħiħ tat-trijangolu tal-għarfien bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni huwa kondizzjoni ewlenija biex l-edukazzjoni għolja tkun tista' tikkontribwixxi għall-impjiegi u t-tkabbir, biex jiġu rriformati l-governanza u l-istrutturi ta' finanzjament, u biex tissaħħaħ l-attrattività internazzjonali tagħha.
 5. L-iżvilupp taż-Żona Ewropea tar-Riċerka jżid il-komplementarjetà bejn is-sistemi nazzjonali sabiex tissaħħaħ il-kosteffettività tal-investment fir-riċerka u jiġu intensifikati l-iskambji u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet li jikkollaboraw fit-trijangolu tal-għarfien.
 6. Il-mobbiltà internazzjonali tal-istudenti, ir-riċerkaturi u l-persunal, li ssaħħet bit-tnedija taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, għandha impatt pożittiv fuq il-kwalità u taffettwa l-oqsma prinċipali kollha ta' riforma. Madankollu, tista' timponi wkoll sfidi fuq xi sistemi tal-edukazzjoni li jirċievu flussi sostanzjali ta' studenti, jew għal dawk il-pajjiżi mhedda minn "eżodu ta' mħuħ" li jirriżulta f'ħafna nies b'talenti li jagħżlu jistudjaw barra, u jibqgħu hemm.
 7. L-attrazzjoni tal-aħjar studenti, akkademiċi u riċerkaturi minn barra l-UE u l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni transkonfinali huma l-kondizzjonijiet ewlenin biex iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka jsiru destinazzjonijiet attraenti fit-tellieqa globali għall-għarfien u t-talent.
 8. F'termini ta' titjib tal-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja huwa essenzjali li jiġu involuti min iħaddem u partijiet interessati oħra fit-tfassil u t-tweqqif tal-programmi.
 9. L-investment pubbliku, appoġġat minn sorsi addizzjonali ta' finanzjament, għandu jibqa' l-bażi għal edukazzjoni għolja sostenibbli, speċjalment fid-dawl tal-kriżi finanzjarja attwali fl-Ewropa.

GĦALDAQSTANT JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI - FKONFORMITÀ MAL-PRATTIKA NAZZJONALI - BIEX JAHD MU MAL-ISTITUZZJONIJIET TA' EDUKAZZJONI GĦOLJA, WAQT LI JIRRIKONOXU L-AWTONOMIJA TAGĦHOM, KIF UKOLL MAL-PARTIJET INTERESSATI RILEVANTI KOLLHA, SABIEX:

1. Iżidu l-isforzi sabiex jiżiedu l-livelli tal-kwalifiki fl-edukazzjoni għolja biex tinkiseb il-mira ewlenija tal-*Europa 2020* fl-edukazzjoni ta' 40 % ta' min għandu bejn 30 u 34 sena fl-UE li temmew l-edukazzjoni terzjarja jew ta' livell ekwivalenti, fid-dawl tal-istima li — sal-2020 — 35 % tal-impjeggi kollha fl-UE ser jirrekjedi kwalifiki għoljin ⁽¹⁾.
2. Jiżviluppaw rotot ċari ta' progressjoni fl-edukazzjoni għolja mill-edukazzjoni vokazzjonali u tipi oħra ta' edukazzjoni, kif ukoll mekkaniżmi għar-rikonoxximent qabel it-tagħlim u l-esperjenza miksuba barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali, speċjalment billi jiġu indirizzati sfidi relatati mal-implimentazzjoni u l-użu ta' oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali marbuta mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.
3. Jippromwovu l-iżvilupp sistematiku ta' strateġiji effettivi sabiex jiġi żgurat aċċess għall-gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati, speċjalment billi jtejb u l-involviment u jpprovdu informazzjoni aktar trasparenti dwar l-opportunitajiet u l-eżiti fil-qasam tal-edukazzjoni, kif ukoll gwida aħjar sabiex tiġi żgurata l-għażla t-tajba tal-istudju.
4. Iżidu l-isforzi sabiex jiġu mminimizzati r-rati ta' tluq bikri mill-edukazzjoni għolja billi tittejjeb il-kwalità, ir-rilevanza, l-attrattività tal-korsijiet, b'mod partikolari permezz ta' tagħlim iċċentrat fuq l-istudent u billi jiġu pprovduti appoġġ, gwida u pariri qabel id-dħul.
5. Jiżguraw li s-sostenn finanzjarju mmirat jilħaq lil studenti potenzjali minn kuntesti soċjali bi dħul aktar baxx.
6. Iħeġġu l-użu tal-previżjonijiet tal-ħiliet u tat-tkabbir u ta' data dwar l-impjeg tal-gradwati (inkluż il-monitoraġġ tal-eżiti tal-gradwati fil-qasam tal-impjeg) fit-tfassil, it-twettiq u l-evalwazzjoni tal-korsijiet, kif ukoll biex iħeġġu aktar flessibilità meta jfasslu l-programmi ta' studju, inkluż toroq ta' tagħlim interdixiplinari, bil-ħsieb li tiżded il-possibilità li l-persuni ggradwati jsibu impjeg.
7. Iħeġġu l-adozzjoni ta' approċċi ċċentrati fuq l-istudent fil-qasam tat-tagħlim mogħti u dak miksub, b'rikonoxximent tal-ħtiġijiet ta' korp vast tal-istudenti u bil-promozzjoni ta' varjetà akbar ta' moduli ta' studju, inkluż billi jsir użu effettiv tal-ICTs.
8. Iħeġġu l-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja jinvestu fl-iżvilupp professjonali kontinwu tal-persunal tagħhom u jippremjaw l-eċċellenza fit-tagħlim.
9. Jittrattaw l-istereotipar u jkissru l-ostakoli li għadhom qed jiffaċċjaw in-nisa biex jilhq u l-ogħla livelli fl-edukazzjoni u r-riċerka postlawrja — speċjalment f'ċerti dixxiplini u f'pożizzjonijiet ta' tmexxija — sabiex jiġi liberat t-talent li ma ġiex użat.
10. Jortbu, fejn rilevanti u adatt, il-finanzjament nazzjonali għall-programmi ta' dottorati mal-Prinċipji dwar it-Taħriġ Innovattiv għad-Dottorat ⁽²⁾, u jappoġġaw l-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' karrieri fir-riċerka.
11. Jistimolaw l-iżvilupp ta' ħiliet imprenditorjali, kreattivi u innovattivi fid-dixxiplini kollha u fiċ-ċikli kollha, u jippromwovu l-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja permezz ta' ambjenti ta' tagħlim aktar interattivi u infrastruttura msaħħa għat-trasferiment tal-għarfien.
12. Iħeġġu, fejn rilevanti, rwol akbar għar-riċerka interdixiplinari fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjonijiet għolja, kif ukoll isaħħu l-interkonnessjonijiet bejn l-edukazzjoni għolja u r-riċerka, sabiex it-triangolu tal-għarfien jiffunzjona b'mod aktar effiċjenti.
13. Minbarra l-missjonijiet edukattivi u ta' riċerka tal-edukazzjoni għolja, iħeġġu l-iżvilupp ulterjuri ta' attivajiet tat-tielet livell bħall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni, l-impenn fil-komunità, it-tagħlim tul il-ħajja u r-rilevanza għall-iżvilupp reġjonali u lokali.
14. Iħeġġu s-sħubija u l-kooperazzjoni man-negozji, pereżempju permezz ta' strutturi ta' kumpens, internships u possibiltajiet ta' taħriġ fil-post tax-xogħol, inċentivi għall-kooperazzjoni multidixiplinari u bejn l-organizzazzjonijiet, u t-tnaqis ta' ostakoli regolatorji u amministrattivi għas-sħubiji bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u partijiet interessati pubbliċi u privati oħra. It-trasferiment effettiv tal-għarfien lejn is-suq, u f'dan il-kuntest il-kontinwità bejn ir-riċerka bażika u r-riċerka applikata, jista' jinkiseb bl-implimentazzjoni ta' linji ta' politika pubbliċi li jsaħħu s-sħubiji bejn firxa wiesgħa ta' entitajiet.
15. Isaħħu r-rabtiet bejn l-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja, min iħaddem u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol sabiex jittieħed kont aktar tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fil-programmi ta' studju, biex jitqabblu aħjar il-ħiliet u l-impjeggi, u biex jiġu żviluppati linji ta' politika attivi fil-qasam tas-suq tax-xogħol bil-għan li jiġi promossu l-impjeggi għall-persuni li ggradwaw.
16. Isaħħu l-kwalità permezz tal-mobbiltà u l-kooperazzjoni transkonfinali, inkluż billi:
 - a. il-mobbiltà għat-tagħlim tinbena b'mod aktar sistematiku fil-kurrikula, fejn adatt, u jiġi żgurat ir-rikonoxximent effiċjenti tal-krediti miksuba barra mill-pajjiż permezz tal-użu effettiv ta' għodod ta' trasparenza bħas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS), is-Suppliment tad-Diploma, assigurazzjoni tal-kwalità u l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;

⁽¹⁾ Rapport tas-Cedefop tal-2010.

⁽²⁾ Rapport adottat mill-Grupp ta' Tmexxija taż-ŻER dwar ir-Riżorsi Umani u l-Mobbiltà f'Mejju u ffinalizzat fis-27 ta' Ġunju 2011.

- b. jitneħħew l-ostakoli żejda biex wieħed ibiddel istituzzjoni bejn il-livell ta' baċċerati u dak ta' masters u għall-kooperazzjoni u l-iskambji transkonfinali;
- c. jittejbu l-aċċess, il-kondizzjonijiet tal-impjeg u l-opportunitajiet ta' progressjoni għall-istudenti, ir-riċerkaturi u l-għalliema minn pajjiżi mhux imsieħba mal-UE, inkluż — fejn possibbli — billi jiġu riżolti kwistjonijiet amministrattivi li jgħolqu diffikultajiet għall-kisba tal-viżi;
- d. jiġi żgurat li s-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità jkopru b'mod adegwat l-edukazzjoni bi franchising;
- e. tiġi promossa kooperazzjoni istituzzjonali usa', inkluż bl-iżvilupp ta' korsijiet li jwasslu għal lawrji konġunti u doppji.
17. Iħeġġu governanza u sistemi ta' finanzjament aktar flessibbli fl-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja, inklużi mekkaniżmi marbuta mal-prestazzjoni u l-kompetizzjoni, kif ukoll jippromwovv l-professjonalizzazzjoni tal-amministrazzjoni interna.
18. Jiffaċilitaw l-aċċess għal sorsi ta' finanzjament alternattivi, inkluż — fejn adatt — billi jintużaw il-fondi pubbliċi biex jiġi mobilizzat l-investment privat u investment pubbliku ieħor.
- d. tistabbilixxi grupp ta' esperti ta' livell għoli biex janalizza s-suġġetti ewlenin għall-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja, u jibda billi jippromwovv l-eċċellenza fit-tagħlim, bil-ħsieb li dan jirrapporta lura fl-2013.
2. Tiffaċilita ż-żieda fil-mobbiltà fit-tagħlim billi ssaħħaħ l-ECTS u l-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità, bil-ħsieb li jittejjeb ir-rikonoxximent.
3. Tippromvoni, mingħajr preġudizzju għan-negożjati li ġejjin dwar il-programm futur tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh, skema ta' mobbiltà tal-Erasmus, fil-Livell ta' Masters biex tippromwovv l-mobbiltà, l-eċċellenza u l-aċċess għal finanzjament aċċessibbli għall-istudenti li qed jistudjaw għall-Masters fi Stat Membru ieħor, irriskettivament mill-isfond soċjali taġħhom.
4. Tappoġġa l-analiżi tal-flussi ta' mobbiltà u tal-iżviluppi fl-edukazzjoni bi franchising.
5. Tippromwovv, flimkien mal-Istati Membri, l-iżvilupp koerenti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, u tfitteż li ssaħħaħ is-sinerġiji bejn l-UE u l-Proċess ta' Bologna, inkluż permezz tal-użu tal-programm għal wara l-2013 fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-mira ta' mobbiltà ta' Bologna u tal-UE ta' 20 %.

JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI BIEK

1. Tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi taġħhom għal riforma tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja taġħhom, bl-użu sħiħ tal-programmi tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ u permezz ta' bażi mtejba ta' evidenza, analiżi dettaljata u trasparenza akbar, inkluż billi:
- a. tiżviluppa, f'konsultazzjoni ma' partijiet interessati rilevanti, għodda ta' trasparenza indipendenti, ibbażata fuq il-prestazzjoni għall-profil tal-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja ("U-Multirank"), li tqis l-ispeċifità tas-sistemi nazzjonali ta' edukazzjoni għolja u taġħraf id-diversità tal-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja fl-Ewropa kollha, kif ukoll tippermetti li jinħolqu klasifikazzjonijiet multidimensjonali individwalizza;
- b. tkompli tiżviluppa edukazzjoni għolja aħjar u intellige aħjar dwar is-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi ttejjeb id-data dwar il-mobbiltà fit-tagħlim u l-eżiti tal-impjegji marbuta mal-edukazzjoni għolja Ewropea (b'operat fil-qafas tar-riżorsi disponibbli u b'minimizzar tal-piżijiet amministrattivi), u billi tippovdi gwida speċifika dwar iż-żieda fil-livell tal-ħiliet bażiċi u trasversali u kif jingħeleb in-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet;
- c. tanalizza l-impatt tal-approċċi ta' finanzjament differenti lejn id-diversifikazzjoni, l-effiċjenza u l-ekwità tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja, kif ukoll fuq il-mobbiltà tal-istudenti;
6. Tkompli tiżviluppa l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) billi tadotta l-proposta għal aġenda strateġika ġdida ta' innovazzjoni li tfassal il-futur tal-EIT, il-prijoritajiet tiegħu u l-proposti għal KICs ġodda li għandhom jitnedew, speċjalment sabiex jiżied il-potenzjal tal-innovazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja f'kooperazzjoni man-negożju.
7. Tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' reklutaġġ miftuħa u trasparenti u trawwem mobbiltà transkonfinali u trans-settorjali tar-riċerkaturi billi tippromwovv l-Qafas Ewropew għall-Karrieri fir-Riċerka u l-inizjattiva Ewropea EURAXESS –Riċerkaturi f'moviment ⁽¹⁾.
8. Issaħħaħ - fi ħdan l-azzjonijiet Marie Curie - l-iskemi ta' mobbiltà mmirati għall-istudenti ta' doktorat, inkluż appoġġ għar-riintegrazzjoni u promozzjoni ta' skema ta' Dottorati Industrijali Ewropej sabiex tappoġġa r-riċerka applikata.
9. Tippromvoni qafas ta' kwalità għall-apprendistati biex tgħin lill-istudenti u lill-gradwati jakkwistaw l-għarfien prattiku meħtieġ għall-post tax-xogħol u jiksbu aktar postijiet ta' apprendistat ta' kwalità aħjar.

⁽¹⁾ Rapport adottat mill-Grupp ta' Tmexxija taż-ŻER dwar ir-Riżorsi Umani u l-Mobbiltà f'Mejju 2011 u ffinalizzat fil-21 ta' Lulju 2011.

10. Tippromwovi l-UE bħala destinazzjoni għall-istudju u r-riċerka għall-akbar talenti fid-dinja, filwaqt li tirrikonixxi d-diversità tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u tiżviluppa relazzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni għolja ma' msieħba barra mill-Unjoni, bil-ħsieb li ssaħħaħ is-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni għolja, id-djalogu ta' politika, il-mobbiltà u r-rikonoxximent akkademiku, inkluż permezz tal-Istrateġija tat-Tkabbir, il-Politika Ewropea tal-Viċinat, is-Sħubija tal-Lvant, is-sħubija Ewro-Mediterranja, il-kooperazzjoni mal-Balkani tal-Punent, l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni, u l-Forum Politiku ta' Bologna.
11. Tiżviluppa strateġija internazzjonali tal-UE dwar l-edukazzjoni għolja sabiex jintlaħqu aħjar l-miri msemmija hawn fuq, jiżjed l-involviment u l-viżibbiltà internazzjonali, kif ukoll jinvolvu impenn mas-sħab bil-ħsieb ta' tisħiħ tar-relazzjonijiet u l-bini tal-kapaċità fis-settur tal-edukazzjoni għolja.
12. Issaħħaħ l-impatt fit-tul tal-finanzjament tal-UE għall-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja permezz ta' kompletarjetà mtejba bejn strumenti ta' finanzjament differenti, b'mod partikolari l-programm futur tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni *Horizon 2020* u l-istrumenti tal-Politika Ewropea ta' Koeżjoni.
-

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

